# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN



FRAR 2004 • L-24 SENA • GĦADD 237 • NEWSPAPER POST

DAWL FRANĠISKAN

FRAR 2004
L-24 sena • Għadd 237



Qoxra 1:
*Dehra tal-belt ta' Assisi. Fin-naħa tax-xellug jidher il-Katidral ta' San Rufino, li fih tgħammed San Franġisk u li ħdejh hemm id-dar tal-familja ta' Santa Klara. Fuq in-naħa tal-lemin jiddominaw il-monasteru u l-knisja ta' Santa Klara li fiha hemm midfuna din il-qaddisa. Fl-isfond ta' din id-dehra jidhru San Franġisk u Santa Klara – affresk ta' Giotto li jinsab fil-Bażilka ta' San Franġisk f'Assisi.*

BORD EDITORJALI:
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Frans Abela Giusti OFMCap
Wistin Attard OFMCap
Martin Micallef OFMCap
Dorian Holland OFS
Andrè Azzopardi OFMCap
Robbie Mamo
Fabian Marston GiFra

DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 21 233874/21 225525/21 234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

DISINN U LAYOUT:
IMAGE 2000 LTD, FGURA - 21 677577
MITBUGĦ:
P.E.G. Ltd., San Ġwann. - 21 440083

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

© Dawl Franġiskan 2004
Publikazzjoni Franġiskani Kapuċċini












# Werrej

3 **Jum il-Morda f'Lourdes**
*minn Fr. Joe Alessandro OFMCap*

4 **Ġosija fost l-aktar twajbin**
*minn Mons. Lawrenz Sciberras*

6 **Teleskopju fuq il-Ħajja**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

8 **L-istorja ta' ħajti**
*minn Majok Kuol Akol*

10 **Il-grotta ta' San Pietru**
*minn P. Joe Buttigieg OFMCap*

12 **Int biċċa ... biċċiet ... jew sħiħ?**
*minn Rachel Gatt Gi.Fra.*

13 **Paradossi Evanġeliċi (2)**
*minn P. Frans Abela OFMCap*

14 **Nitkellmu ma' P. Mawrizju Cassar**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

15 **Lejn Alla bl-isport (2)**
*minn Joe Attard*

16 **Il-Qima lejn San Franġsisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin (12)**
*minn Br Andrè Azzopardi OFMCap*

18 **Tweġiba**
*minn P. William Axiaq OFMCap*

19 **Ġemellaġġ mal-Parroċċa ta' Santa Ana f'Kuba**
*minn P. Philip Cutajar OFMCap*

21 **Il-Mixja lejn is-Saltna**
*minn Br Dennis Calleja OFMCap*

22 **Kliem il-Ħajja**
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

25 **Aħbarijiet Kapuċċini**

26 **Mill-Ittri tal-Qarrejja**

27 **Meta nħares lejn is-sħab**
*minn Oliver Friggieri*

28 **Imriewaħ tal-Palm**
*minn Lina Brockdorff OFS*

30 **Tisliba u Rokna għat-Tfal**
*minn P. Wistin Attard OFMCap*

31 **Xi trid Mulej?**
*minn Br Dennis Calleja OFMCap*

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena. Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur, Ċentru Missjoni Kapuċċini Kunvent tal-Kapuċċini Floriana - VLT 14

P. Joe Alessandro OFMCap

# JUM IL-MORDA f'Lourdes

Jum il-Morda din is-sena, it-tnax il-wieħed minn kemm ilu jiġi ċċelebrat fuq skala dinjija fil-11 ta' Frar, ser jiġi ċċelebrat f'Lourdes fi Franza fejn Ommna Marija dehret l-ewwel darba lil Bernadette fil-11 ta' Frar 1858. Minn dak inhar sa llum eluf kbar ta' pellegrini, anki Maltin u Għawdxin, żaru dan il-lok fejn Marija tidħol fil-qalb ta' dawk li jemmnu bis-sħiħ f'Binha Ġesù u fil-qawwa tiegħu li tfejjaq il-mard tar-ruħ u ġieli tal-ġisem ukoll.

Il-Papa għażel dan is-santwarju peress li d-domma ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tagħlaq mija u ħamsin sena minn meta ġiet ipproklamata mill-Papa Beatu Piju Disgħa bil-bolla *Ineffabilis Deus* fit-8 ta' Diċembru 1854.

Kien ftit aktar minn tliet snin wara li l-Madonna kkonfermat dan it-tagħlim tal-Knisja meta, f'waħda mid-dehriet tagħha f'Lourdes, ippreżentat lilha nnifisha billi stqarret: "Jiena l-Immakulata Kunċizzjoni".

Il-Papa, fil-messaġġ tiegħu għal dan il-jum, jgħidilna li bit-tnissil bla tebgħa ta' Marija bdiet il-ħidma kbira tal-fidwa tagħna, li mbagħad twettqet bid-demm għażiż ta' Kristu fuq is-salib u bil-qawmien tiegħu mill-ġdid għall-ħajja.

Jekk Ġesù huwa l-għajn tal-ħajja li tirbaħ il-mewt, Marija hija l-omm kollha mħabba li taqla' għalina l-fejqan u s-saħħa fir-ruħ u l-ġisem. Dan hu li għamlet mill-ewwel darba li dehret f'Lourdes sal-ġurnata ta' llum ma' tant nies li daru lejna u talbuha bil-fidi.

Il-Papa jerġa' jfakkarna li t-tbatija hija parti mill-istorja tagħna. Quddiem it-tbatija rridu nitgħallmu naċċettawha u nerbħuha. Dan iseħħilna biss bil-qawwa tas-salib ta' Kristu.

It-tbatija ssib it-tifsira profonda tagħha kif ukoll il-valur ta' ħelsien proprju fit-tbatija, il-mewt u l-qawmien ta' Kristu. Kristu bata għalina u għadu jbati magħna, jgħidilna l-Papa. Meta nagħrfu ngħaqqdu t-tbatija tagħna ma' dik ta' Kristu allura l-istess tbatija ssir għajn ta' salvazzjoni.

Marija, taħt is-salib, qasmet it-tbatija ta' binha fis-skiet. F'Lourdes, bħal f'kull imkien ieħor, Marija tieħu sehem ma' binha Ġesù fl-opra tal-fidwa.

L-għarfin xjentifiku għamel passi ta' ġgant biex iħares il-ħajja mill-mument tat-tnissil sat-tmiem naturali tagħha. Ix-xjenza hija għas-servizz tal-ħajja tal-bniedem. F'dan il-jum dinji tal-morda l-Papa jfakkar ukoll li minbarra x-xjentisti, it-tobba, l-infermiera u dawk kollha li huma involuti fl-assistenza medika, hemm numru kbir ta' persuni li jiddedikaw lilhom infushom b'ħafna mħabba għas-servizz pastorali tal-marid bħalma huma l-kappillani fl-isptarijiet, il-kappillani fil-parroċċi u saċerdoti oħra, Kongregazzjonijiet u Ordnijiet Reliġjużi, voluntiera lajċi kif ukoll il-qraba u l-ħbieb.

Il-Papa jagħlaq il-messaġġ tiegħu billi jħeġġiġna nintelqu f'dirgħajn ommna Marija, saħħa tal-morda. ❑



*Mons. Lawrenz Sciberras*

# Ġosija fost l-aktar twajbin

J. G. Greenhough jgħid hekk għas-slaten tat-Testment il-Qadim li mexxew lill-Art Imqaddsa: "Erbgħa minn kull ħamsa ta' dawn is-slaten kienu neqsin u ħfief minn moħħhom. Nies li moralment kienu baxxi ħafna jekk mhux ukoll boloħ, l-għaqal ma jafux fejn jinsab. Imma kull tant u tant kont issib wieħed tassew ta' l-affari tiegħu. Kien qisu bħal meta tiltaqa' ma' oasi ġod-deżert sħun u niexef tas-Saħħara, jew issib xi djamant rari qalb munzell demel. Ġosija jkisser il-linja ta' bosta slaten li kienu ta' karattru monotonu u ta' wiċċ imdejjaq. Huwa jqum b'rasu merfugħha 'l fuq; bniedem li għamel dejjem il-ġid ma' kulħadd u li kien xieraq li tħares lejh biex tħobbu".

Isem dan is-sultan jista' jfisser is-*support* ta' Alla. Jidher miktub għal 55 darba u fit-Testment il-Ġdid isem Ġosija jidher biss fil-ġeneoloġija ta' Mattew: "Ġosija nissel lil Ġekonija u lil ħuh; kien żmien l-eżilju f'Babilonja" (Mt 1, 11). Huwa saltan bejn is-snin 640 u 609.



*Is-saċerdot Ħilkija li sab il-ktieb tad-Dewteronomju fit-Tempju u bagħtu lil Ġosija.*

## Tfulija mwiergħa

Ta' min jgħid mill-ewwel li dan is-sultan ħakem fuq is-saltna ta' Isfel, mela dik ta' Ġuda. Il-karattru ta' dan il-bniedem kien tassew wieħed nobbli u rari. Huwa laħaq sultan ta' Ġuda meta dan kien għad għandu biss tmien snin (2 Slat 22, 1). L-istess missieru, li kien jismu Amon, qamet konfoffa kontieh, ġie maqtul u difnuh f'qabru fil-ġnien ta' Għużżija. Il-Bibbja ma tgħid xejn dwar ir-raġuni tal-qtil ta' Amon. Għalhekk wieħed jista' faċilment jikkonkludi kemm dan Ġosija kellu tfulija mimlija niket u dwejjaq, meta ta' tmien snin diġà safa ltim u tgħabba b'responsabbiltà daqstant kbira u tqila.

Ma nafu xejn dwar ommu għajr li kien jisimha Ġedida, mara li kellha sentimenti sbieħ u materni. Kien hemm xi żmien f'ħajjet dan is-sultan meta binha Ġosija warrab li jimxi fuq il-passi ta' missieru Amon u nannuh Manassi u xxempja ħajtu fuq dik ta' David. U f'din il-ħaġa Ġosija għoġob ħafna lill-Mulej. Imma kemm swielu niket u hemm biex jasal ħalli jwettaq ir-riforma mill-qiegħ! Meta għamel dan, Ġosija kien diġà ilu tmien snin sultan.

## Riforma mill-qiegħ

Quddiem Alla m'hemm xejn li jiġri addoċċ, imma minn kull ġrajja Alla jaf joħroġ il-ġid. Din il-verità toħroġ fil-beraħ f'ħajjet Ġosija. Jum wieħed Ġosija bagħat lis-segretarju tiegħu Safan għand Ħilkija fit-tempju ta' Ġerusalemm. Dan, b'kumbinazzjoni, fetaħ il-Geniza li kien hemm fit-tempju u sab hemm il-ktieb tal-liġi. Bosta jżommu li seta' kien il-ktieb tad-Dewteronomju. Safan għalhekk ma kellux triq oħra x'jagħżel għajr li jieħu dan il-ktieb għand is-sultan Ġosija. Meta qraw il-ktieb tal-liġi lil Ġosija, dan it-twajjeb sultan induna kemm kien hemm differenzi kbar bejn il-mod kif qed imexxi hu u l-ktieb qaddis. Għalhekk Ġosija "għamel patt quddiem il-Mulej li jimxi wara l-Mulej u jħares il-kmandamenti u l-preċetti u l-liġijiet tiegħu b'qalbu kollha" (2 Slat 23, 3). Din tissejjaħ ir-riforma ta' Ġosija u li swietlu tbatijiet l-aktar kbar biex jagħmilha fil-prattika.



*Is-Sultan Ġosija jibgħat lin-nies tiegħu jnaddfu it-Tempju mill-idoli li lilhom kienu jingħtaw kult u quddiemhom jiġu offruti debħiet ta' kuljum.*

Dawn huma l-azzjonijiet li Ġosija kellu jieħu biex jimxi skond il-ktieb qaddis:

1. Ċentralizzazzjoni tal-kult (2 Slat 23, 8-9.19)

2. It-tneħħija tal-kult lejn il-kwiekeb tas-sema (2 Slat 11-12)

3. Il-qerda tas-seħer u l-magħmul flimkien ma' l-idoli (2 Slat 23, 24)

4. Projbizzjoni assoluta ta' l-offerti tat-tfal - molok (2 Slat 23, 10)

5. Iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Għid issir fit-tempju ta' Ġerusalemm (2 Slat 23, 21-23).

Meta wieħed jirrifletti bil-mod fuq dawn il-punti prinċipali tar-riforma ta' Ġosija wieħed jasal biex jikkonkludi kemm in-nies kienu tbiegħdu mill-kult veru lejn Alla. Għalhekk is-sultan Ġosija jibqa' tant imfaħħar għaliex kellu l-ħila jeħodha u jwaqqaf tant abbużi sfaċċati li kienu qegħdin isiru mill-poplu magħżul ta' Alla, abbużi li warajhom kien hemm qligħ kbir ta' flus. U dan kollu Ġosija għamlu meta kien għadu ta' età żgħira, ta' madwar għoxrin sena biss.

Is-sultan kien bniedem prattiku. Huwa kien jaf sewwa li mhux biżżejjed tipprojbixxi u ma tħallix li xi ħaġa ssir, imma trid toħloq xi ħaġa oħra flokha. Għalhekk Ġosija meta naddaf il-maqdes ta' Ġerusalemm minn dawk il-vizzji kollha huwa rriforma l-kult u fuq kollox id-debħiet ta' kuljum. U hawn Ġosija kompla wera fil-prattika kemm kien bniedem għaqli u serju fit-tmexxija tiegħu.

It-tmiem ta' ħajjet Ġosija huwa wieħed stramb ħafna. Mit-test bibliku ma jidhirx li Ġosija kien qed jiggwerra meta miet. Donnu ġie maqtul kiesaħ u biered, mingħajr ma kien jipprovoka lil ħadd. Il-Fargħun ta' l-Eġittu temm ħajjet dan is-sultan tant twajjeb u rrispettat min-nies kollha (2 Slat 23, 29). Il-qaddejja tiegħu ġarrewh mejjet, wassluh Ġerusalemm u difnuh f'qabru. ❑



*Is-Sultan Ġosija mfaħħar għar-riforma li għamel fil-kult u l-qima lejn Alla l-veru.*

P. William Axiaq OFMCap



# Teleskopju fuq il-ħajja

***L-organiżmu uman tagħna jiġbor fih ħafna elementi. Jekk irridu nagħtu glorja 'l Alla f'ħajjitna, irridu nużaw dak kollu li jiġbor fih, billi nużawh sewwa. Iżjed ma nħaddmu l-fakultajiet tagħna sew iżjed il-Mulej jieħu pjaċir bina. Jekk Alla tana moħħna, għamel hekk biex inħaddmu l-enerġija kbira li tinsab fih. Aħna u nħaddmuh biex nifhmu r-riflessjonijiet li ġejjin inkunu fl-istess ħin qegħdin nilħqu, b'xi mod, l-għan li għalih tahulna u b'hekk inkunu qegħdin nagħtuh ġieħ. Mela inti u taqra, inti tkun qed titlob fl-istess waqt.***

## 1 INVESTIMENT TA' MALAJR FIL-QRAR

Bħala saċerdot ninnota - forsi sejjer żball - li ħafna nies, speċjalment irġiel, ma għandhomx idea ċara u oġġettiva tas-sagrament tal-qrar. Xi wħud imorru jqerru meta jfettlilhom, meta jaqblilhom jew jiġihom l-aptit, meta taħbat xi okkażjoni speċjali, meta timbuttahom jew issuqhom il-mara ...

Is-sitwazzjoni tal-persuni li qiegħed nitkellem minnhom issir iżjed traġika spiritwalment meta f'ħajjithom ikun hemm id-dnub mejjet jew gravi. F'din il-qagħda, ikunu qishom fergħa maqtugħha miz-zokk, kif qalilhom il-Mulej fl-Evanġelju huwa u jitkellem mit-tixbiha tad-dielja u l-frieghi (Ġw 15, 4). Barra minn hekk, għax idumu ma jqerru, jitilfu ħafna ġid spiritwali għax ikunu tbiegħdu mill-għajn tal-ħajja.

Il-persuni li ma jqerrux regolari għandhom bżonn jirriflettu ftit x'inhu jiġri tassew fil-ħajja tagħhom. Fejn tidħol il-paga jġibu ruħhom differenti. Malli jeħduha kull xahar, tarahom imorru jiġru jpoġġuha l-*bank*, inkella jitilfu l-imgħax. Oħrajn lanqas biss



jarawh iċ-ċekk, għaliex jidħol awtomatikament fil-kapital li diġà jkollhom fiż-żgur.

Fejn jidħlu dnubiet ċerti nsara, li m'humiex ftit, m'humiex jagħmlu bħalma qegħdin jagħmlu fejn jidħol il-frott ta' l-għaraq ta' ġbinhom. Id-dnubiet tagħhom mhumiex jitfgħuhom malajr fil-*bank* tal-ħniena ta' Alla. Minħabba f'hekk qegħdin jitilfu ħafna ġid spiritwali f'ħajjithom.

Fl-Evanġelju l-Mulej jgħallem: "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin jinfdu u jisirqu. Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema, fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid, u fejn ma hemmx ħallelin jinfdu u jisirqu" (Mt 6, 19-20).

***Mulej, agħmilni iżjed għaqli fil-ħwejjeġ spiritwali milli f'dawk materjali.***

## 2 IL-MISTERI TAD-DAWL

Kif nafu, ftit taż-żmien ilu l-Papa żied ħames misteri oħra tar-Ružarju mal-ħmistax li diġà kellna. Mal-misteri tal-Ferħ, tat-Tbatija u tal-Glorja issa hemm il-Misteri tad-Dawl. Qegħdin nikkuntemplawhom nhar ta' Ħamis, bħalma l-oħrajn nikkontemplawhom fi ġranet oħra.

Kif nafu, il-Ħames Misteri ġodda qajmu entużjażmu kbir fil-Knsija, speċjalment fost dawk l-Insara li għandhom għal qalbhom it-talba marjana tar-Rużarju. Inkitbu ħafna artikli u saru *websites* apposta fuq iż-żjieda ġdida fir-Rużarju. Bid-deċiżjoni tiegħu, il-Papa Ġwanni Pawlu II, qajjem ferment ġdid fil-Knisja. Kulħadd sar jitkellem mill-misteri tad-Dawl.

Nistaqsi: "Il-Ħames Misteri tad-Dawl biss huma misteri tad-dawl, jew anki l-Misteri tal-Ferħ, tat-Tbatija u tal-Glorja?" Inħoss li din hija mistoqsija importanti. Jekk ma nistaqsuhiex jista' jiġri li naħsbu, jew ninsew, li anki l-misteri tradizzjonali huma misteri tad-dawl. Kważi nazzarda ngħid li jkun aħjar jekk jaqgħu l-misteri tradizzjonali, billi ma nkomplux insejħulhom kif dejjem sejjaħnielhom, u l-għoxrin misteru li nikkontemplaw,




aħna u nitolbu r-Rużarju, nibdew insejħulhom dejjem u kollha tad-dawl, għax anki huma hekk huma.

Meta Ġesù qalilna li huwa d-dawl tad-dinja (Ġw 8, 12), kien qisu qed jgħidilna li ġie fid-dinja biex idawwalna bid-dija tal-misteri, jew aħjar, tal-ġrajjiet ta' ħajtu kollha kemm hi, barra li naturalment jagħmel hekk ukoll bil-kelma setgħana li wasslilna mingħand il-Missier. Dan kollu huwa ċċara mill-bidunett tar-raba' Evanġelju: "U aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità" (Ġw 1, 14).

Naħseb li b'din il-preċiżazzjoni quddiem għajnejna nkunu f'postna. B'hekk ma jmurx jiġri li naħsbu li l-misteri l-oħra m'humiex huma wkoll tad-dawl u forsi nibdew nagħtu preferenza lill-Misteri tad-Dawl, u nqisu l-oħrajn inferjuri għalihom għax jarmu inqas dawl.

***Mulej, dawwalni bid-dija tal-misteri salvifiċi kollha ta' ħajtek.***

## 3 BEJGĦ SINTOMATIKU

Skond il-Lhud, il-bniedem huwa magħmul minn tliet partijiet: ġisem, ruħ u spirtu (1 Tess 5, 23). It-tlieta li huma jrid jieħu ħsiebhom inkella jkorri spiritwalment u moralment. Ma jridx jieħu ħsieb ta' ruħu u tal-ħajja psikika tiegħu u jittraskura l-ħajja fiżika tiegħu. Min-naħa l-oħra, ma jaqbillux jieħu ħsieb ta' ġismu u persuntu u mbagħad ma jimpurtahx minn ruħu u mill-ispirtu tiegħu - kif ħafna drabi qed jiġri llum.

Il-Latini kienu jgħidu *mens sana in corpore sano* (Moħħ f'saħħtu f'ġisem f'saħħtu). Illum ngħidu wkoll *corpus sanum in mente sana* (Ġisem f'saħħtu f'moħħ f'saħħtu).

Dan l-aħħar ġie ppubblikat ktieb ieħor f'sensiela ta' kotba fuq ir-riċetti miktuba minn mara Maltija esperta tal-kċina. Malli ħareġ għall-bejgħ il-ħames ktieb, malajr inbiegħu mas-sebat elef kopja. Jalla r-risq u jalla minn xtara dan il-volum jimxi fuq l-istruzzjonijiet għaqlin li fih! Il-Maltin iridu jitgħallmu jieklu tajjeb, iżommu l-qjies ħalli jkollhom dehra aħjar u mhux goffa u fl-istess ħin jiffrankaw il-flus. Kotba ta' dan it-tip huma meħtieġa, anzi huma ta' barka. Fuq il-*brochure* li tirriklama l-ktieb, hemm miktub b'ittri kbar dan il-kliem: INVESTI ĦAMES LIRI F'SAĦĦTEK. *"Well and good"*, ngħid jien.

Il-kurjuża hi li meta jiġu ppubblikati kotba fuq l-ikel, dawn il-kotba malajr nixtraw bl-eluf, imma meta jiġu stampati kotba ta' kultura jew spiritwalità, dawn ħafna drabi ma jixtrawx bil-gzuz, bħalma jinxtraw kotba tat-tisjir. Inkunu lesti ninvestu ħames liri fi ktieb li jgħinna kif nibżgħu għal saħħtina u forsi ma ninvestuhomx fi ktieb li jgħinna biex nibżgħu għal ruħna u għall-ispirtu tagħna.




Xi wħud forsi jixtru iżjed kotba dwar dieta u gastronomija milli kotba dwar suġġetti oħrajn, għax insew espressjoni li qal Ġesù, meta stqarr: "Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għal xejn" (Ġw 6, 63).

***Mulej, għallimni nifhem il-kliem tiegħek, meta għedt: "Dawn kien imisskom tagħmlu, bla ma tħallu l-oħrajn barra" (Mt 23, 32), u ngħixu.***

## Qalb għall-Marid

Fil-ktejjeb ġdid tiegħu "Qalb ghall-Marid" Patri William Axiaq, Kapuċċin, jaghtina taghrif siewi ta' natura biblika, psikoloġika u spiritwali li jdawwal ir-relazzjonijiet tagħna mal-morda u jagħmilhom fejjieda għalina li niġu f'kuntatt magħhom id-dar jew meta mmorru nżuruhom.




L-awtur jagħtina tagħlim, għamla ta' *guidelines*, dwar kif għandna nġibu ruħna mal-morda u nistagħnew permezz tagħhom. Dawn ir-riflessjonijiet iġagħluna nħarsu lejn il-morda f'dawl ġdid u nibdew nieħdu azzjoni kostruttiva favurihom, billi mmorru nżuruhom b'imħabba nisranija u nieqfu magħhom fil-bżonnijiet tagħhom, anki dawk tqal.

Il-ktejjeb ta' 63 paġna huwa pubblikazzjoni tal-Klabb Qari Nisrani.

Majok Kuol Akol





# L-Istorja ta' Ħajti

P. Emmanuel Barbara, missjunarju Kapuċċin Malti, ilu jgħix u jaħdem fil-Viċi-Provinċja tal-Kenja sa mill-1990. Wara żmien fid-Dar tal-Formazzjoni fejn hemm l-istudenti tat-teoloġija huwa sar l-ewwel Viċi-Provinċjal tal-Kenja u issa huwa professur fl-Università Kattolika f'Nairobi, il-*CUEA (Catholic University of East Africa)*. Għandu ħafna kuntatti ma' studenti f'kull livell u jgħinhom kemm jista' b'kull mod. Din l-istorja li ġejja hija storja vera ta' żagħżugħ Sudaniż refuġjat fil-Kenja u li P. Barbara qiegħed jgħinu.

Din l-istorja jirrakkontaha l-istess żagħżugħ Majok Kuol Akol.



P. Manwel Barbara

"Ħallejt pajjiżi minħabba l-gwerra ċivili li faqqgħet hemmhekk, partikularment fin-naħa t'Isfel tas-Sudan, fl-1983, meta l-gvern ta' Khartoum, flimkien ma' l-alleati tiegħu magħrufin bħala *Baghara pastoralists*, iġġieled kontra n-nies tan-naħa t'Isfel tas-Sudan bħala allegazzjoni ta' diskriminazzjoni reliġjuża.

Hekk, l-Għarab attakkaw lin-nies tan-naħa t'Isfel, qatlu ħafna nies u darbu bosta oħrajn. Barra minn hekk, qabdu ħafna nies bħala priġunieri - kemm irġiel, kif ukoll nisa - taw in-nar lil ħafna djar, serqu ħafna ħxejjex u annimali u ħallew ħafna ċittadini bla dar. Minbarra li l-Baghara ħadulna l-annimali kollha tagħna, sfurzawna biex inħallu pajjiżna u nitferrxu f'diversi bnadi. Fil-proċess ta' dan it-tluq, eluf ta' nies mietu bil-ġuħ, bil-għatx u bil-mard. Oħrajn saħansitra għerqu fix-xmajjar li ppruvajna naqsmu.



L-Għarab u l-alleati ttrattaw ħażin lil xi wħud mill-priġunieri - l-iktar lin-nisa - filwaqt li qatlu l-irġiel mingħajr ma qagħdu jqisu l-età li kellhom. Iżda ħafna mill-priġunieri nisa mhux talli tilfu l-irġiel tagħhom, talli ntużaw bħala n-nisa tal-Majedin jew bħala l-iskjavi tagħhom.

Il-ħruq tad-djar, is-serq tal-proprjetà taċ-ċittadini, is-serq ta' l-annimali u ħafna maltrattamenti oħra, ġagħlu lin-nies tan-naħa t'Isfel iħallu art twelidhom, magħfusa mill-għaks u l-ġuħ, u jfittxu l-kenn f'pajjiżi ġirien bħall-Etjopja, li kienet isservi ta' bażi għat-taħriġ militarita' SPLAM, kif ukoll bħala skola għar-*Red Army* li tagħha jiena kont membru.

Barra l-Etjopja, l-Uganda u l-Kenja wkoll ospitaw lir-refuġjati. Jiena kont wieħed mis-sittax-il elf tifel li kienu jgħixu f'Pintiduo (il-kamp tar-refuġjati fl-Etjopja). Il-kamp tagħna kien numeruż ħafna, l-iktar b'nies ġejjin min-naħa t'Isfel ta' l-Afrika, kif ukoll minn nies ġejjin mit-tribujiet ta' Dima u Itang. Domna hemmekk mill-1987 sal-21 ta' Mejju ta' l-1991 meta waqa' l-President ta' l-Etjopja, Menghistu Haile Mariam. Minn hemm, il-moviment SPLAM iddeċieda li jmexxi lir-refuġjati tan-naħa t'Isfel u dawk tat-tribujiet Dima u Itang lura fil-villaġġ ta' Pachalla fejn kellna naffaċjaw nuqqas kbir ta' ikel.

F'kundizzjonijiet bħal dawn, ħadd ma kien jobsor li qatt stajna nsalvaw. Fortunatament, ma miet ħadd, għalkemm domna tliet xhur (mill-21 ta' Mejju sat-30 ta' Lulju) biex naħarbu. Konna nitrejqu b'weraq selvaġġ u frott, sakemm l-ikel inġieb lilna mill-Kumitat Internazzjonali għar-Refuġjati tar-*Red Cross* (ICRC).

Fil-bidu ta' Frar ta' l-1992, bl-għajnuna tal-organizzazzjoni internazzjonali tas-Salib l-Aħmar

ġejna traferiti għal villaġġ żgħir ta' Narus. Qabel ma wasalna Kapdeta, sfajna attakkati mill-armata ta' Toposa f'Magos fejn ħmistax-il ruħ inqatlu b'tiri u għaxra sfaw feruti. Minn hawn ivvjaġġajna għal Kapdeta bil-pass u, għal raġunijiet ta' sigurtà, għaddejna minn villaġġ żgħir magħruf bħala Nairogian. Wara li wasalna Kapdeta, qattajna xi ġranet hemmhekk sakemm qalulna biex nitilqu għal Narus fejn kien hemm iżjed sigurtà għax f'Kapdeta kien hemm bombardamenti sħaħ mill-forzi tal-gvern Sudaniż u allura kien riskjuż għall-poplu tagħna li jibqa' hemmhekk.



B'hekk wasalna Narus u ssetiljajna hemmekk għal xi żmien mingħajr ma kellna skejjel jew djar, sakemm il-gvern Sudaniż ħa f'idejh il-villaġġ fl-1992. Imbagħad kellna nerġgħu mmorru l-Kenja fir-raħal ta' Lokichogion. Hawnhekk, konna milqugħa ħafna mill-gvern Kenjan u mill-Kummissarju Għoli għar-Rifuġjati ta' l-Istati Uniti (UNHCR). Laqgħuna fil-kamp tar-rifuġjati ta' Kakum fejn wasalna f'Awissu ta' l-1992. L-UNHCR, flimkien mal-gvern Kenjan, għamlu laqgħa biex jiddiskutu t-twaqqif ta' skola, li eventwalment infetħet bi klassijiet mill-primarja sa l-ogħla livell. Imma l-ħajja baqgħet fqira ħafna u għalhekk qiegħed nappella biex nerġa' nissetilja ħalli ħajti l-għażiża tkun fiż-żgur.

Minbarra r-raġunijiet li semmejt hawn fuq, jiena ħallejt pajjiżi u l-ġenituri tiegħi mhux għax kelli xi ngħid magħhom, imma għax qed infittex edukazzjoni u sigurtà. Ħafna drabi naħseb fihom u nkun nixtieq li nittawlilhom, għax xi wħud minn qrabati għadhom ħajjin, iżda minħabba raġunijiet ta' sigurtà, ma nistax nidħol fis-Sudan sa ma tkun intleħqet il-paċi." ❑

## Rigal sabiħ li tista' tagħmel lil ħutna l-Insara Kenjani għal din is-sena hija BORŻA TA' STUDJU







**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tmur għall-ispejjeż tas-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin iħejju lilhom infushom biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini.

Dln tlsta' tlngħata Jew mlnn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit.

Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża u saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil*
*Fr. Joe Alessandro,*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Floriana*
*Tel: 2123 3874, 2123 4949, 2122 5525*







P. Joe Buttigieg OFMCap



# Il-Grotta ta' San Pietru

Fit-22 ta' Frar il-Knisja tiċċelebra l-festa tal-katidral ta' San Pietru bħala tifsira tal-għaqda tal-Knisja mwaqqfa fuq l-Appostli. Din l-festa ilha ssir f'Ruma sa mis-seklu erbgħa.

L-ewwel katidral tal-prinċep tal-Appostli tinsab fi grotta f'Antakya (l-antika Antijokja tas-Sirja), fit-Turkija. Din il-grotta hija l-uniku fdal tal-Kristjaniżmu f'Antakya fejn "lid-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom Kristjani" (Atti 11, 26).

Din il-grotta tidher li ġiet imħaffra fil-blat fuq in-naħa tal-punent tal-muntanja Stauris (il-muntanja tas-Salib, waħda mit-tliet muntanji li jħarsu fuq il-belt ta' Antakya). Hija twila 13-il metru, wiesgħa 9 metri u nofs, u għolja ftit aktar minn 7 metri.

Hawn, skond it-tradizzjoni, kienet tiltaqa' l-ewwel komunità nisranija ma' Barnaba, Pawlu u Pietru. Pietru kien baqa' xi sena hawn, qabel ma mar Ruma. It-tradizzjoni tgħid li kien l-Evanġelista San Luqa, oriġinarju ta' Antakya, li ta l-grotta lill-Knisja. Il-kruċjati rebħu Antakya fit-3 ta' Ġunju 1098, u kabbruha bi ftit metri oħra billi bnewlha ż-żewġ arkati li jgħaqqduha mal-faċċata.

Mill-parti tal-bini tal-bidu baqa' xi tracċi ta' paviment tal-mużajk, u fuq in-naħa tal-lemin jinsabu fdalijiet kważi inviżibbli tal-affreski li xi darba kienu jiksu l-ħitan minn ġewwa. Partijiet oriġinali oħra huma t-*tunnel* li tiftaħ fuq in-naħa tax-xellug meta wieħed iħares lejn l-altar, u fuq in-naħa tal-lemin, il-vaska żgħira fl-art. Probabbilment, it-*tunnel* kienet isservi biex jaħarbu fil-muntanji f'każ ta' xi attakk għal għarrieda. Il-vaska, li ħafna kienu jaħsbu li kienet xi fonti tal-magħmudija, kienet tilqa' l-ilma li sa ftit żmien ilu kien jinżel mal-blat u li dawk li kienu jiġu jżuruha kienu jixorbuh b'devozzjoni u jeħduh magħhom għall-morda. Minħabba t-terremoti spissi f'Antakya, l-ilma biddel triqtu u għalhekk m'għadux iċarċar bħal dari.

Fl-1580 il-Musulmani taw il-grotta lill-Ortodossi. Dawn użawha sa nofs is-seklu 19 bħala post għall-kult u ċimiterju. Fl-1856 il-konslu Franċiż f'Aleppo sar propretarju tal-grotta u taha lis-Santa Sede li, min-naħa tagħha, permezz tad-Delegat Appostoliku fis-Sirja, Monsinjur Brunoni, talbet lill-patrijiet Kapuċċini biex jibdew jiċċelebraw fiha l-quddiesa u s-sagramenti.

L-altar tal-ġebel li kien sar fl-1931 flok l-ieħor tal-injam li kien sar fl-1863, ġie restawrat fl-1990, sena li fiha saret ukoll 'katedra' biex tfakkar il-katedra ta' San Pietru f'Antakya. Fuq l-altar, f'niċċa fil-blat, insibu statwa ta' rħam abjad, rigal tas-Sur Pierre Durieux, delegat tal-Kummissarju Għoli Franċiż fis-Sirja. Ġiet imqiegħda fin-niċċa fl-1932.

Il-faċċata ta' barra hija ta' stil orjentali, maħduma mill-ġebla tal-post u ġiet mibnija fl-1863. Ix-xogħol tar-restawr sar bil-ħidma tal-patrijiet Kapuċċini u bir-rieda tal-Papa Piju IX. Ġew mibgħuta offerti għax-xogħlijiet li kienu qed isiru saħansitra minn Napuljun III.

Snin qabel, din il-faċċata kellha quddiemha portiku li tiegħu wieħed għadu jista' jara xi fdalijiet fuq in-naħa tax-xellug. Imbagħad il-ġnien li hemm quddiem il-grotta kien użat bħala ċimiterju għal ħafna sekli.

F'din il-grotta, li hija l-ewwel katidral fid-dinja, għadha tiġi ċċelebrata l-quddiesa mill-patrijiet Kapuċċini preżenti f'Antakya sa mill-1846, fil-festi prinċipali kollha u f'okkażjonijiet oħra bħalma huma t-tiġijiet u kull darba li jitolbu l-gruppi ta' eluf ta' pellegrini li jaslu ta' kull sena.

Ta' kull sena, fid-29 ta' Ġunju, festa ta' San Pietru u San Pawl, f'din il-grotta tiġi ċċelebrata festa bil-kbir. Dak inhar issir ċelebrazzjoni ekumenika bis-sehem tal-Knejjes Insara ta' Rit Orjentali u oħrajn inter-reliġjużi bis-sehem tal-Musulmani u tal-awtoritajiet ċivili tal-post.

Illum, il-grotta ta' San Pietru hija proprjetà tal-muzew ta' Antakya. ❑



*Il-Grotta ta' San Pietru minn ġewwa, u fil-paġna ta' qabel il-faċċata tagħha minn barra.*


Ġeddidtu l-abbonament tiegħek?

Jekk le ibgħat Lm4 flimkien ma' l-isem u l-indirizz lil:
Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14

DAWL FRANĠISKAN

B'hekk tkun qed tgħin lill-Missjoni tal-Kapuċċini Maltin.

Ċekkijiet / Money Orders għandhom ikunu pagabbli lil: Fr. Joe Alessandro

Rachel Gatt GiFra

# Int biċċa ... biċċiet ... jew sħiħ?

***"Fejn hemm tnejn jew tlieta miġburin f'ismi, hemm inkun jien f'nofshom."***

Kull meta nara din il-frażi niftakar f'dawk il-ftit ġranet li qattajt ma' sħabi taċ-Ċentru. Qed nirreferi għall-aħħar *live-in* li għamilna bit-titlu "Int biċċa ... biċċiet ... jew sħiħ?"



Fl-aħħar *weekend* ta' Novembru 2003 iltqajt mal-bqija tal-membri sabiex flimkien ngħixu tlett ijiem bħala familja waħda taħt l-istess saqaf. Għalkemm ili nattendi ċ-Ċentru għal diversi snin, nista' ngħid li kull *live-in* li attendejt kellu sinifikat partikulari fil-ħajja tiegħi, daqshekk ieħor kellu dan ta' l-aħħar. Ir-rikordji sbieħ marbutin ma' din l-esperjenza jibqgħu jnisslu fuq wiċċi tbissima. Dan mhux biss għax niftakar f'dawk il-mumenti ta' divertiment, iżda wkoll għaliex inħoss sens ta' sodisfazzjon meta nara l-frott li ħalla warajh dan il-*live-in*. Naħseb li dan il-perijodu li għamilna flimkien kien bżonjuż ħafna għall-grupp. Dan għaliex f'qasir żmien il-membri taċ-Ċentru żdiedu, għalhekk dawk il-persuni li kienu daħlu fl-aħħar żminijiet kellhom l-opportunità li jsiru jafu iktar fil-fond lill-bqija tal-membri. Bl-istess mod jien u membri, li bħali ilhom ftit iktar jattendu, skoprejna ħbieb ġodda; persuni li kienu veri *worth it* li ssir tafhom u li kienu kapaċi jagħtu nifs ġdid lill-grupp. Din l-esperjenza tatni wkoll l-opportunità li niskopri kwalitajiet tant sbieħ anki f'persuni li ilhom ħafna ħbieb tiegħi, persuni li flimkien magħhom tgħallimt l-importanza tal-maħfra f'mumenti diffiċli u fuq kollox il-valur ta' l-għaqda.





Is-sessjonijiet ta' dan il-*live-in* kienu ta' għajnuna kbira sabiex kull persuna tinfetaħ għall-bqija tal-grupp. Dan seħħ fuq kollox permezz tat-talb u tal-preżenza ta' Alla li kienet tinħass f'dak kollu li nagħmlu, kemm f'mumenti ta' ġabra kif ukoll f'mumenti ta' logħob u ta' divertiment li żgur ma kenux jonqsu. Iżda l-qofol ta' l-esperjenza ta' kull *live-in* jinsab fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija fejn aħna nsiru ħaġa waħda bejnietna u ma' Kristu. Għalija dan il-mument huwa wieħed tant speċjali li nsibha diffiċli li niddiskrivih bil-kliem.

L-esperjenza ta' dan il-*live-in* kienet waħda importanti u fuq kollox ħajja; esperjenza li trid tgħixha biex tifhem is-sbuħija u l-qawwa tagħha. ❑

**Stedina għaż-żgħażagħ Maltin**



**Jekk għandek iktar minn 16-il sena u anqas minn 30 sena, nistednuk tattendi l-Gi.Fra., Floriana.**

**Għal aktar tagħrif żur is-sit tagħna:**

**www.gifrafloriana.cjb.net**

P. Frans Abela OFMCap

# Paradossi Evanġeliċi

IT-TIENI PARTI

## Il-Liġi l-Qadima u l-Liġi l-Ġdida

Ġesù qal: "Smajtu dak li ntqal, 'Għajn għal għan u sinna b'sinna' *(Liġi l-Qadima)*. Imma jiena ngħidilkom biex ma teqfulux il-ħażin; imma min jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek il-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll" *(Liġi l-Ġdida)* (Mt 5, 38-39). Silta mill-Evanġelju li tqiegħed f'konfront it-Testment il-Ġdid mat-Testment il-Qadim. Silta li flok il-vendetta jew tpattija tiffomenta l-maħfra. U dit-tagħlima iebsa u drastika li ma tantx tinżlilna ħelu fl-istonku tagħna, Franġisku fehemha sew tant li wasal biex qal: "Is-swat li taqla' aċċettah bħallikieku qlajt xi grazzja". Għalih u anke suppost għalina l-inġustizzji u l-inġurji li nirċievu għandhom ikunu mezz ta' taħriġ fil-virtù tal-paċenzja, tal-maħfra u tal-kapaċità li nduqu t-tifsir ta' l-imħabba meta din tiġi ttestjata b'xi prova iebsa. "Aktar ma n-nies ikasbruna, aktar suppost ikun kbir il-ferħ ġewwieni tagħna" (Ferħ Sħiħ fil-Kitbiet ta' San Franġisk p. 339).



## Ġustizzja mistura

Ġesù qal lid-dixxipli: "Kull min għandu, jingħatalu, u jkollu żejjed ukoll; iżda min ma għandux, jittieħidlu saħansitra dak li għandu" (Mt 13, 12). Dis-silta malli taqraha tħossha tgħaġġbek għax fiha donnu hemm riħa ta' inġustizzja. Però meta tipprova tifhem is-sens sottili tagħha, jiġifieri li Alla jxerred grazzji iżjed fuq min jikkopera mal-grazzji li jagħtih, kif hemm imniżżel f'silta parallela ta' dawk it-nejn min-nies li t-talent li tahom sidhom ħaddmuh u qalgħu għaxra u ħamsa oħra rispettivament filwaqt Il t-tielet wieħed ħbieh għax beża' mis-sid u ma qala' xejn (Lq 19, 12-26), allura tieħu idea oħra u tasal għal konklużjoni aħjar. F'dal-każ titfa' ħafna dawl it-tweġiba li ta San Franġisk lil wieħed minn sħabu meta staqsieh: "Għaliex l-abbundanza tal-grazzja ta' Alla ġiet imxerrda kollha fuqu?" u hu wieġbu: "Għaliex Alla jħobb jinqeda b'min iċekken lilu nnifsu biex iħawwad il-kbar tad-dinja" (Fjuretti 10). Fi kliem ieħor, Alla jfawwar id-doni tiegħu fuq min ma jħossux den li jirċevihom, u jirtirahom lura mingħand min ma jagħtihx garanzija li ser iħaddimhom.

## Id-diffiċli faċli

Ġesù qal: "Kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha" (Mt 7, 14). "Il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif" (Mt 11, 30). Aħna mhux dejjem nirrealizzaw kemm ċertu kliem ta' l-Evanġelju mhux iebes daqskemm naħsbuh aħna. Ċerti siltiet bħal dawn it-tnejn imsemmija ġieli forsi qrajniehom bla ma ndunajna bil-ħlewwa moħbija li hemm fl-istess ebusija tagħhom. Fl-imħabba biss tinsab il-bidla tal-morr f'ħelu. San Franġisk medhi l-jum kollu fil-kontemplazzjoni ta' l-umiltà ta' l-Iben ta' Alla u kif ser joħroġ jixbhu, irnexxielu jiskopri li dak li qabel deherlu u qiesu bi mrar, inbidillu fi ħlewwa tar-ruħ u għall-ġisem. Mingħajr din l-imħabba l-madmad tal-Liġi ta' Alla jibqa' bit-togħma ta' impożizzjoni u t-triq li tieħu għall-ħajja tas-sema tibqa' tinħass bħala xi ħaġa li ma tintlaħaqx, meta fir-realtà għandha tkun mezz ħelu, kif kienet għal Franġisku, ta' bdil ma' dak li Ġesù bata għalina. ❑

Br Andrè Azzopardi OFMCAP



# Nitkellmu ma' P. Mawrizju Cassar OFMCap

***Għażiż P. Mawrizju, x'tiftakar dwar it-tfulija tiegħek sa qabel dħalt mal-patrijiet Kapuċċini?***

Jien twelidt il-Marsa fid-19 ta' Diċembru 1937 u mort l-Iskola tal-Gvern, u kont immur id-duttrina għand is-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù sakemm għamilt il-Preċett u wara bdejt immur il-Mużew. Wara li għamilt il-Preċett dħalt abbati fil-parroċċa tat-Trinità Mqaddsa fejn bqajt inservi sakemm dħalt Kapuċċin fl-1954. Billi kont inħobb ħafna l-missjoni, Mons. Cilia, li kien fl-Uffiċċju Missjunarju, talabni biex ngħinu niġbor għas-*Santa Infanzia*, u meta mort naghtih l-kotba u għedtlu li dieħel Kapuċċin qalli biex ngħid lil oħti tkompli hi b'dan ix-xogħol, imma jiena għedtlu li oħti wkoll kienet dieħla soru mas-Sorijiet Ulied il-Qalb ta' Ġesù.

***Kif ġietek is-sejħa biex tidħol ma' dawn il-patrijiet?***

Minn meta kont abbati jiena dejjem ammirajt il-patrijiet Kapuċċini u kont nitlob ħafna biex il-ħolma tiegħi ssir realtà. Darba waħda kien ġie il-Beatu Ġorġ Preca u kellimtu fuq il-vokazzjoni li nsir Kapuċċin u huwa qalli biex nitlob u l-Mulej ikompli jseddaqli din il-vokazzjoni. Jiena kont nattendi l-Kulleġġ ta' Santu Wistin fil-Belt u l-aħħar sena kont nattendi s-*Seraphic School* fil-Furjana. Jiena ngħaqadt mal-patrijiet Kapuċċini u fis-17 ta' Settembru 1954 bdejna n-novizzjat fil-kunvent tagħna ta' Għawdex

***X'kienet il-ħidma tiegħek fil-Provinċja qabel ma tlaqt lejn l-Indja bħala missjunarju?***

Sakemm tlaqt lejn il-missjoni fis-16 ta' Jannar 1966, kont fil-kunvent tal-Furjana ngħin fis-*Seraphic Printing Press* li kellna hemm u kont immur inqaddes u nqarar kulfejn kien ikun hemm bżonn.

***X'ħajrek li tħalli lill-familja u art twelidek biex tmur f'dan il-pajjiż imbiegħed?***

Meta kont student fil-kunvent tal-Kalkara konna waqqafna kumitat tal-missjoni biex inqajmu kuxjenza missjunarja, u fost l-attivitajiet konna nippreparaw in-*notice board* tal-knisja b'tema missjunarja. Konna nqassmu karusijiet fil-ħwienet biex niġbru fondi għall-missjoni. Konna wkoll nikkorrispondu mal-missjunarji. Jien kont nikteb regolarment lil Patri Raniero Zammit fl-Indja, li dan għeni ħafna. Darba kont ma' Patri Marċellinu meta ħadna l-abbatini ta' Marija Reġina San Pawl il-Baħar u hu qalli li kien sejjer il-missjoni. Wara li tlabt ħafna, jiena wkoll tlabt lill-Provinċjal u qalli iva. Fis-16 ta' Jannar 1966 ħallejna Malta għal Bhopal fl-Indja.

***X'Kienet il-ħidma tiegħek f'dan il-pajjiż mis-snin li għaddejt hemmhekk?***

Fl-Indja jiena ħdimt minn Jannar 1966 sa Mejju 1979 u matul dawn is-snin ħdimt fil-*mission stations* ta' Pachmarhi, Shamlong *(Ranchi Archdiocese)*, Itarsi, Bankhedi, Harda u fl-aħħar f'Bhopal flimkien ma' Patri Marċellinu. Kulfejn kont dejjem ippruvajt ngħin lin-nies isiru *self reliant.* L-aħħar snin li qattajt fl-Indja kont nieħu ħsieb l-*Asha Niketan Social Welfare Centre*, fejn konna ngħallmu l-ħjata, it-*typing* u konna nippreparaw *writing chalk* u *spices*. Kellna wkoll *Day Creche* għall-ommijiet li kienu jaħdmu. Kont ukoll ngħin fil-kura spiritwali tas-seminarju li kellha d-djoċesi u fil-kulleġġ fejn sorijiet minn diversi djoċesijiet kienu jattendu korsijiet speċjali.

***Issa ilek numru ta' snin fil-missjoni tal-Kenja. X'inhi l-ħidma tiegħek hemmhekk?***

Jiena, flimkien ma' Patri Ġorġ Bezzina ħallejna Malta għall-Kenja fid-19 ta' Novembru 1979. Qattajt l-ewwel seba' snin ġewwa Garissa fejn kont nieħu ħsieb il-*Boys' Town* b'150 tifel orfni jew fqar ħafna. F'Awissu 1986 ġejt trasferit għal Mpeketoni fejn ħdimt fil-parroċċa, ġo Umoja, li hija d-dar tal-Formazzjoni għall-Postulanti u wara l-aħħar Kapitlu tal-Viċi-Provinċja tal-Kenja erġajt ġejt fil-parroċċa ta' Mpeketoni. Fil-missjoni ta' Mpeketoni għandna eluf ta' Kattoliċi mqassmin fi 13-il *out-station* u dejjem *busy* fil-kura spiritwali ta' dawn ħutna. Barra minn dan jiena għandi proġett biex ngħin mal-55 tifel u tifla b'diżabilità. Proġett ieħor huwa dak li qed ngħin lil 65 student fl-iskejjel sekondarji billi nħallsilhom parti mill miżati. Billi l-maġġoranza tan-nies tagħna huma bdiewa jiena qed nipprovdilhom żrieragħ u insettiċidi. Xi Sentejn ilu bdejt ngħinhom billi xtrajna mal-100 pompa ta' l-ilma għat-tisqija li jħallsuha bin-nifs.

***X'messaġġ tista' tagħti lill-qarrejja ta' din ir-rivista?***

Bħalma tafu, biex il-missjunarju jkun jista' jkompli jwettaq dan ix-xogħol fejjiedi għal min hu inqas ixxurtjat minna, għandu bżonn it-talb kontinwu tagħkom u għandu bżonn ukoll l-għajnuna finanzjarja tagħkom. Għaldaqstant nitlobkom li tibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom lis-Segretarju tal-Missjoni tal-Kapuċċini, Fr. Joe Alessandro, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14 - Tel: 21233874 jew 21225525. ❑

*Joe Attard (coach)*



# Lejn Alla bl-isport - 2

**M**atul il-ħamsa u tletin sena li ili *coach* tal-*football*, doqt kemm l-esperjenza tar-rebħ, kif ukoll dik tat-telf. Ir-rebħ, f'kull tip ta' sport, iġib miegħu ferħ u sentimenti sbieħ. Ir-rebħ hu t-tir ta' kull sportiv u jekk ir-rebħa ma tinkisibx, it-tim kollu jħossu mdejjaq u forsi ddisprat. Fl-isport, ir-rebħ ifisser ħafna u l-isportivi kollha jgħaddu minn *training* iebes biex jiksbu suċċess.

Mill-banda l-oħra, telfa tagħmel tajjeb lit-tim jew lill-individwu għax tqiegħdu saqajh ma' l-art u tikxiflu l-limiti tiegħu. It-tim li jkun ġarrab telfa jkollu bżonn jerġa' jqum fuq saqajh. Biex jagħmel dan, ikollu jieħu t-*training* iżjed bis-serjetà u b'aktar konċentrazzjoni. L-aspett psikoloġiku wkoll ikollu bżonn jieħu r-ruħ. Il-*coach* ikollu janalizza t-telfa u jgħaddi iktar żmien fit-tħejjija u l-organizzazzjoni tat-*training* ta' kuljum. Bil-fors li xi ħaġa tkun marret ħażin, għax kieku t-tim kien jirbaħ.

B'mod simili, fl-isforz tagħna biex inħobbu lil Alla, ngħaddu minn dawn iż-żewġ esperjenzi. Bħala nsara, l-iskop tagħna hu li ntejbu l-ħajja spiritwali tagħna u nirbħu l-ikbar tazza - il-ġenna. Iżda fit-triq, niltaqgħu żgur ma' ħafna ostakli u ħafna drabi nġarrbu wkoll xi telfa. Dan jiġri meta nintrebħu mit-tentazzjonijiet u nagħmlu d-dnub. Iżda meta nagħmlu r-rieda ta' Alla u nħarsu l-kmandamenti tiegħu, aħna nirbħu.

Fl-isport, jekk titlef 1-0 jew 6-0, xorta waħda tkun tlift. Hekk ukoll fil-ħajja spiritwali, jekk nobdu disa' kmandamenti u nxellfu l-wieħed li jkun baqa', xorta nitilfu t-tazza u l-kuxjenza tagħna ttaqqalna tant li l-ferħ tagħna jiċċajpar. Għall-grazzja ta' Alla, nistgħu nerġgħu niksbu l-paċi permezz tal-qrar.

Għalkemm immorru nqerru u nerġgħu niksbu l-grazzja ta' Alla, xorta jeħtiġilna nitrenjaw biex nibqgħu nissieltu kontra tagħna nfusna. Sfortunatament, l-għadu prinċipali tal-ħajja spiritwali tagħna hu ġisimna stess. Fl-isport jista' jkollna xi ġranet ta' mistrieħ bejn partita u oħra, iżda fil-mixja spiritwali tagħna ninsabu f'taqbida kontinwa li tirrikjedi qawwa kbira biex inkunu nistgħu nirbħu l-attakki li jiġu minna nfusna. Din il-qawwa tiġi mill-Ewkaristija li tiswa għar-ruħ daqskemm il-*carbohydrates* jiswew għas-saħħa fiżika tagħna. Meta nitilfu xi taqbida spiritwali nġarrbu n-niket, iżda meta nerġgħu niksbu l-paċi ta' ruħna permezz tas-sagrament tal-qrar inkunu għamilna kisba kbira.

**Riflessjoni:** ***Fil-mixja tagħna lejn il-qdusija, niltaqgħu ma' diversi ostakli. Jeħtieġ għalhekk li nżommu ħarsitna merfugħa lejn Alla u nitolbuh jgħinna meta nitwarrbu mit-triq li twassal għal għandu, għax Hu jaf tajjeb id-dgħufija tagħna.***

Br Andrè Azzopardi OFMCap

# Il-Qima lejn San Franġisk t'Assisi fil-Knejjes Maltin

IT-TNAX-IL PARTI

***F'din is-sensiela ta' artikli li fihom qegħdin nagħtu ħarsa lejn kwadri u statwi fi knejjes ta' gżiritna li juru lill-qaddis maħbub minn bosta, San Frangisk t'Assisi, ser inkomplu l-mixja tagħna minn fejn ħallejna fl-aħħar edizzjoni ta' din ir-rivista, jiġifieri l-lokal ta' Raħal Ġdid, jew kif inhu magħruf ukoll bħala Paola. Hawnhekk ser inżuru l-knisja, li hemm f'dan il-lokal, iddedikata lil Sant' Antnin ta' Padova. Wara dan il-lokal sejrin nżuru l-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba u l-kappella ta' l-Isptar Ruzar Briffa li tinsab fil-limiti ta' Ħal Luqa.***



Fil-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini t'***Għajn Dwieli*** f'***Raħal Ġdid*** naraw kwadru u statwa ta' dan il-qaddis Taljan. Din il-knisja hi ta' stil romaniku u tbierket fl-10 ta' Lulju 1965 minn Mons. Mikiel Gonzi Arċisqof ta' Malta.

Fil-kappella l-antika li kien hemm qabel din li hemm illum f'dan il-lokal, kien hemm xbieha ta' San Franġisk. Meta nbniet il-knisja l-ġdida, is-Sur Antonio Vella rregala statwa ta' dan il-qaddis. Illum, fil-knisja l-ġdida, fuq l-artal tas-Sagrament naraw żewġ statwi oħra li juru lil San Ludoviku u Santa Elizabetta ta' l-Ungerija. Dawn huma patruni ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari. F'nofshom hemm il-figura ta' San Franġisk li jinsab b'idejh miftuħa. X'aktarx li l-istatwi saru mid-Ditta Vincenzo Moroder ta' Ortisei f'Bolzano l-Italja flimkien ma' oħrajn li nsibu f'din il-knisja bħal dik ta' San Ġwann l-Evanġelista, Marija Addolorata u dik li tinħareġ proċessjonalment fix-xahar ta' Ġunju, jiġifieri ta' Sant' Antnin ta' Padova.

Fl-1995, il-fraternità tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini fix-Xemxija, San Pawl il-Baħar, tat erba' kwadri maħduma kollha minn Pawlu Camilleri Cauchi. Dan seħħ minħabba li l-Knisja l-antika ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem kellha titwaqqa' biex tinbena oħra ġdida minflokha. Wieħed minn dawn l-erba' kwadri juri lil San Franġisk t'Assisi b'ħarstu merfugħa lejn is-smewwiet filwaqt li jinsab imdawwar minn annimali u l-ħolqien. Niftakru li l-imħabba li dan il-qaddis kellu lejn dak kollu li hu maħluq minn Alla l-Missier wasslu biex sar ħaġa waħda ma' Ġesù Kristu fil-proxxmu tiegħu. Illum dan il-kwadru jinsab imdendel fil-gallerija ta' l-istess knisja.






Kwadru ieħor insibuh fis-sagristija l-antika tal-knisja parrokkjali ta' l-***Imqabba.*** Dan il-lokal sar parroċċa fl-1598 li twaqqfet fil-kappella ta' San Bażilju minħabba li l-knisja ta' Santa Marija, li wieħed jista' jilmaħ fil-pjazza ta' dan ir-raħal, kienet għadha ma nbnietx. Fil-fatt din inbniet lejn l-aħħar tas-seklu sbatax u, għalkemm ġarrbet ħsarat estensivi matul it-Tieni Gwerra Dinjija, sarulha xi tiswijiet strutturali sabiex il-poplu jkun jista' jkompli jagħti qima lil Alla fiha.

Il-kwadru juri lil San Franġisk t'Assisi qiegħed jippreżenta l-ktieb tar-Regola Franġiskana lill-protetturi ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari, jiġifieri San Ludoviku, re ta' Franża u Santa Eliżabetta ta' l-Ungerija. Fuq il-ktieb hemm il-kliem "Regula fratrum et sororum de poenitentia". Il-qaddisin huma lebsin il-labtu Franġiskan, imma b'mantell irjali fuqhom. Ftit li xejn nafu fuqu dan il-kwadru iżda jidher li hu xi ftit antik għalkemm dan m'ilux ħafna snin f'din is-sagristija. Ta' min jgħid ukoll li f'din il-parroċċa seta' twaqqaf xi Terz' Ordni Franġiskan fl-1879 iżda dwar dan m'hemm xejn fiż-żgur.

Li hu żgur hu li dan il-qaddis għandu xi relazzjoni ma' dan il-lokal. Dan għaliex fl-inħawi tal-Mitħna, fl-istess lokal, twaqqfet statwa tal-ġebel mill-Kanonku Alfons Caruana, li kien mill-Imqabba. Hu kien patri Franġiskan qabel ma sar qassis djoċesan. Id-data tat-twaqqif ta' l-istatwa hi l-1899 u hi xogħol ta' Giulio Moschetti. Dan hu skultur Taljan li tana ħafna opri artistiċi f'pajjiżna li juru l-ħila tiegħu f'xogħol fil-ġebla Maltija.

Nixtieq irrodd ħajr lis-Sur Jonathan Farrugia għall-materjal informattiv li għaddieli u tar-ritratti ta' dan il-kwadru.

Fl-inħawi ta' l-Imġieret, limiti tal-parroċċa ta' Ħal Luqa hemm l-*Isptar San Vinċenz de Paula*. Il-figura ta' San Franġisk t'Assisi fl-arzella tal-kappella ta' dan l-isptar diġà ltqajna magħha f'ħarġa oħra tad-*Dawl Franġiskan* matul is-sena 2003. Iżda llum ser nitilgħu passejn iżjed 'il fuq minn din id-Dar ta' l-Anzjani sabiex immorru f'dar oħra fejn l-anzjani jsibu l-mistrieħ tagħhom. Dan hu l-***Isptar Ruzar Briffa*** li l-kura spiritwali ta' l-anzjani li jgħixu fih hi f'idejn il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini Maltin.

Dan l-isptar, li hu iċken fid-daqs minn dak ta' San Vinċenz de Paula, beda jintuża bħala leprożarju fi żmien il-ħakma Ingliża f'Malta lejn tmiem is-seklu dsatax. Dan ifisser li dawk kollha li kien ikollhom il-marda tal-ġdiem, kienu jiġu rikoverati jew aħjar iżolati f'dan l-isptar minħabba l-periklu li din il-marda setgħet tinfirex fost il-popolazzjoni. Fil-kappella ta' dan l-isptar naraw statwa ta' San Franġisk t'Assisi li tinsab f'waħda min-niċeċ li jinsabu fuq il-bieb tal-kappella hekk kif tidħol ġewwa fiha. Din tinsab fuq in-naħa tax-xellug ta' dan il-bieb. Fin-niċeċ l-oħra fuq in-naħa tal-lemin hemm il-qaddisin Pietru u Pawlu. Fuq in-naħa tax-xellug flimkien ma' San Franġisk t'Assisi hemm l-appostlu San Bartilmew li hu l-protettur ta' dawk li huma morda bil-ġdiem. L-istatwa hi xogħol tal-kartapesta iżda la hi magħrufa d-data u lanqas min ħadimha. Li hu żgur hu li hi antika mhux ħażin u naħseb li waslet biex tiġi rrestawrata minħabba l-qagħda li tinsab fiha. Jista' jkun li din l-istatwa sabet ruħha f'din il-kappella minħabba r-rabta li hemm bejn il-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini u l-kura spiritwali li dawn kellhom ta' dawk li kienu iżolati f'dan l-isptar. ❑



P. William Axiaq OFMCap

# Żewġi xebbagħni sa mnieħri!

*Father*, jiena ili miżżewġa ħamsa u għoxrin sena. Wara ftit li żżewwiġt, ir-raġel kien diġà beda jdejjaqni b'ċerta mġiba tiegħu. Issa xebbagħni sa mnieħri. Sirt nieħu qatgħa meta jiġi lura mix-xogħol u nisimgħu jdaħħal iċ-ċavetta fis-serratura tal-bieb tad-dar; sar idejjaqni n-nifs tiegħu ma' wiċċi bil-lejl u iżjed u iżjed l-inħir tiegħu; sar inkrepattiv għalija meta ma jkunx xogħol u joqgħod idur miegħi u jimbixni, meta jien ikolli ħafna x'nagħmel u ma jkollix aptitu. L-affarijiet kollha li semmejtlek qegħdin ibegħduni wisq minnu. Nibża' li se nasal, fl-aħħar, biex numbrah. Naf li dawn ir-reazzjonijiet tiegħi huma perikolużi u rrid nieħu ħsiebhom.

Tista' tgħidli x'għandi nagħmel?



Il-fatt li diġà ntbaħt li dak li qed tħoss kontra żewġek huwa perikoluż - beda jixgħel l-aħmar - diġà xi ħaġa favur tiegħek. Il-Malti jgħid li bniedem avżat nofsu armat. Dan imma mhux biżżejjed. Hemm affarijiet oħra li inti trid tagħmilhom. Se nipprova ngħidlek xi ftit minnhom.

Il-proverbju Malti jgħidlek: "Meta ddaħħal iċ-ċurkett tat-tieġ, lesti ruħek għal kulma hu meħtieġ." Ġaladarba inti miżżewġa, issa trid tieħu paċenzja bir-raġel li ħadt. Min jaf kemm kont imġenna għalih qabel ma żżewiġtu! Veru? Dan ifisser li inti trid tadatta ruħek għalih, anki fl-affarijiet li jdejquk, trid tibqa' tħobbu mhux bis-sabiħ tal-ħajja miżżewġa biss, imma anki fl-ikraħ tagħha. Min jikriha, jerġa' jgħid il-qawl Malti, irid joqgħod għaliha. Min jaċċetta ftehim ikollu jibqa' jimxi miegħu anki jekk l-affari ddur kontrih.

Barra minn dak li diġà għedtlek, trid iżżomm quddiem għajnejk il-fatt li r-raġel tiegħek żgur għandu fih kwalitajiet sbieħ li inti sallum ma tantx irriflettejt fuqhom, għax moħħok qed jikkonċentra wisq fuq dak li għadek kemm għedtli. Meta tibda tirrifletti fuqhom, inti tibda ssir kapaċi tagħder il-ftit affarijiet li qegħdin idejquk fih. Ir-riflessjoni fuq it-tratti tajbin ta' żewġek, li ibqa' ċerta li jisbqu dawk li għadek kemm semmejtli, żgur tagħmlek kapaċi tagħlaq għajnejk fuq dak li qed ittellagħhomlok.

Ipprova rraġuna fuq dak li qed idejqek fir-raġel tiegħek. Per eżempju, x'tort għandu jekk jonħor? X'tort għandu jekk in-nifs tiegħu qiegħed idejqek? Imbagħad għaliex idejjqek meta jkun maġenbek u jurik ċerta attenzjoni li inti qiegħda taraha żejda meta fil-fatt m'hix għalih.

Ippermettili npoġġilek ċerti mistoqsijiet. Inti ma għandekx affarijiet li lilu jdejquh? Hu biss għandu dawn l-affarijiet? Hawnhekk trid tkun ġusta miegħek innifsek, inkella ma tkunx tista' tagħmel ġustizzja ma' żewġek. Forsi jekk tagħmel l-eżami tal-kuxjenza, tibda tinduna li iżjed għandek inti xi jdejqu milli għandu hu x'jinnervja lilek. Ġesù qalilna li fina hemm dispożizzjoni li tagħmilna iżjed lesti naraw it-tibna f'għajn ħutna milli naraw it-travu li jista' jkun hemm f'għajnejna (Mt 7, 1-5).

Fir-relazzjonijiet tiegħek ma' żewġek trid iżżomm quddiem għajnejk, fl-aħħarnett, li, ġaladarba ż-żwieġ tiegħek kien ġie (u għadu jiġi kuljum) iċċelebrat bħala sagrament - u hawnhekk se ngħidlek xi ħaġa li tolqot l-ispiritwalità tal-ħajja miżżewġa - inti tkun qed tikber fil-ħajja qaddisa fil-vokazzjoni tiegħek, meta tiltaqa' mal-kuntrarju u tipprova tirbħu. Il-grazzja tas-sagrament taż-żwieġ kontinwament takkompanjak, speċjalment fl-iebes ta' ħajtek. Inti trid tmur kontra l-kurrent. Trid tmur kontra s-sens ta' aborriment li qed tħoss kontra r-raġel tiegħek. B'hekk jirnexxilek tara s-sabiħ tal-ħajja li għażilt. Anki Ġesù ħtieġlu jbati u jmut u b'hekk jidħol fis-sebħ tiegħu (Lq 24, 26). Fl-Evanġelju hemm espressjoni li naraha tinkwadra tajjeb hawnhekk: "Għax min irid isalva ħajtu jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha" (Mt 16, 25). Fil-bidu tħossha iebsa tgħaddi mill-bieb id-dejjaq - ir-raġel ara kemm hu dejjaq minn qadd sa qadd - imma meta jirnexxilek tidħol minn dan id-djuq, avolja b'ħafna tbatija, imbagħad qalbek tifraħ u ssir kapaċi tibqa' tħobb lil min idejqek, anzi tibda tħobbu itjeb u aħjar milli qatt tkun għamilt hekk qabel.

Naħseb li tajtek *hints* biżżejjed. Aħdem fuqhom u tara kif is-sitwazzjoni ta' ħajtek mar-raġel tinbidel ħafna għall-aħjar u kemm l-ispirtu ta' Ġesù jqaddsek fis-sagrament taż-żwieġ. ❑

P. Philip Cutajar OFMCap

# Ġemellaġġ mal-Parroċċa ta' Santa Ana f'Kuba

Matul is-sajf li għadda, meta jiena kont qiegħed magħkom f'Malta għal xahrejn ta' mistrieħ, ġie kkonfermat u rrealizzat il-ġemellaġġ bejn il-Parroċċa ta' Santa Anna f'Wied il-Għajn u l-Parroċċa tiegħi ddedikata wkoll lil Santa Ana f'Kuba. Dan kien proċess li ilu sejjer għal dawn l-aħħar sentejn permezz ta' kuntatti mal-Kappillan Dun Anton Cassar, laqgħat mal-Kunsill Parrokkjali Pastorali u ma' dawk responsabbli tal-Kummissjoni Ħidma Missjunarja ta' l-istess parroċċa. Kienet inizjattiva għaqlija li mill-ġbir li sar fil-parroċċa għall-festa patronali, għaxra fil-mija ta' l-istess ġbir mar bħala offerta għall-parroċċa ta' Santa Ana f'Kuba. Dan l-ammont tela' għal Lm500. Offerta ferm ġeneruża li għaliha nixtieq, f'isem in-nies kollha li ser igawdi minnha, nirringrazzja lill-Kapillan Dun Anton, lill-Kunsill Pastorali Parrokkjali u lil dawk kollha li taw l-offerti tagħhom. Din l-inizjattiva ta' l-għotja ta' flus għall-missjoni hija biss parti minn dak li jitlob proċess ta' ġemellaġġ bejn parroċċa f' Malta u oħra f'art missjunarja. F'dan l-artiklu nixtieq naqsam magħkom ftit ħsibijiet dwar fiex jikkonsisti eżattament dan it-*twinning* li jista' jseħħ b'risq l-għajnuna missjunarja.

## X'inhu ġemellaġġ

Illum din il-kelma qed issir popolari fil-lingwaġġ Malti (għalkemm hija ġejja mit-Taljan). Għandna diversi Kunsilli Lokali li jidħlu f'ġemellaġġ ma' rħula jew bliet f'pajjiżi oħrajn. Dan ġeneralment isir fuq livell kulturali, soċjali jew storiku. Imma meta nitkellmu minn ġemellaġġ missjunarju dan isir fuq livell evanġeliku, ekkleżjali u teoloġiku fejn fih tispikka s-solidarjetà tal-parroċċa partikulari fl-għajnuna li tagħti bil-fatti għal skop partikulari fil-ħidma missjunarja vasta tal-Knisja universali.

Fil-każ tal-parroċċa ta' Santa Anna f'Wied il-Għajn din daħlet f'ġemellaġġ ma' parroċċa oħra li qiegħda fid-Djoċesi ta' Santa Clara, f'Kuba li wkoll hija ddedikata lil Santa Ana. Il-parroċċa ta' Santa Anna f'Malta qed tgħin parroċċa oħra ddedikata lil Santa Ana f'art missjunarja.

## X'jitlob ġemellaġġ missjunarju

Prinċipalment jitlob dawn l-impenji min-naħa tal-komunità parrokkjali li tiddeċiedi li tidħol biex tgħin ħidma partikulari fil-missjoni:

1. Li d-deċizjoni tkun ġejja b'kunsens unanimu mill-komunità kollha tal-parroċċa rappreżentata mill-Kappillan u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali;
2. Li titwaqqaf kummissjoni ta' tlieta jew ħames persuni bil-għan li jmexxu 'l quddiem dan il-proġett. Din il-Kummissjoni tista' tingħata isem, bħal per eżempju Kummissjoni Ħidma Missjunarja;
3. Li jiġu organizzati mumenti ta' talb fuq livell parrokkjali b'riżq il-missjoni, bħal per eżempju siegħa adorazzjoni li ssir fil-parroċċa jew talb ieħor;
4. Tiġi animata l-Ġurnata Missjunarja li ssir ta' kull sena;
5. Tinħoloq fil-parroċċa mentalità missjunarja permezz tat-talb kif ukoll permezz ta' attivitajiet bl-iskop ta' animazzjoni missjunarja, per eżempju xi *videos*, *exhibitions* u *fora*;





*Dehra tal-knisja parrokkjali ta' Sant'Anna f'Wied il-Għajn; u P. Philip u l-Isqof flimkien ma' xi nsara tal-parroċċa ta' Santa Ana f'Kuba.*



6. Jinżamm kuntatt bejn il-parroċċa f'Malta u l-parroċċa barra minn Malta permezz ta' *e-mails*, ittri u ritratti. Dan il-materjal għandu jitwaħħal f'*notice board* apposta bħala tagħrif lin-nies kollha tal-parroċċa f'Malta.

7. Isiru wkoll attivitajiet ta' *fund raising* b'riżq il-parroċċa li magħha hemm il-ġemellaġġ.

Ma' dawn l-attivitajiet li l-Kummissjoni Ħidma Missjuanrja hija mistiedna biex twettaq hemm oħrajn li, jekk isiru, ikunu ta' kontribut kbir, bħal per eżempju li l-Kappillan u xi membri tal-kummissjoni jmorru jżuru l-parroċċa u jieħdu ritratti, jiġbdu xi *video* u jaraw b'għajnejhom il-proġetti li jkunu qed isiru bl-għajnuna tal-flus li jkunu qed jintbagħtu.

Min-naħa tal-parroċċa li tkun qed tiġi mgħejjuna tidħol f'obbligu li titlob u toffri sagrifiċċji għall-membri tal-komunità parrokjali li tkun qed tgħinha. B'hekk isseħħ għajnuna reċiproka f'solidarjetà ta' talb - iż-żewġ parroċċi jgħinu lil xulxin fuq livell tat-talb tagħhom għal xulxin. Obbligu ieħor li jenħtieġ li twettaq il-parroċċa li tkun qed tiġi mgħejjuna huwa li tibgħat kull informazzjoni meħtieġa speċjalment permezz ta' kitba u ritratti lin-nies tal-parroċċa li tkun qed tgħin. U ma' dan tkun ħaġa flokha li tibgħat ukoll rendikonti u dak kollu li huwa meħtieġ sabiex jingħata sodisfazzjoni tax-xogħol u l-proġetti li jkunu qed isiru fil-parroċċa bl-għajnuna tal-flus li jkunu qed jintbagħtu mill-parroċċa f'Malta. Informazzjoni bħal din isservi mhux biss bħala sodisfazzjon sabiex kulħadd ikun jaf fejn qed imorru l-flus u x'qed isir bihom imma wkoll bħala stimolu għal proġetti ġodda.

## X'ġid jista' joħroġ

Il-ġid li jista' joħroġ minn inizjattiva bħal din huwa kotran. Fuq kollox li komunità parrokkjali tidħol għal impenn bħal dan huwa ġest:

a) evanġeliku: għax fih tispikka l-imħabba u s-solidarjetà ma' minn huwa fil-bżonn;

b) ekkleżjali: għax il-parroċċa ma tingħalaqx fiha nfisha imma tħossha parti mill-Knisja universali li taħseb f'parroċċi li huma ferm fil-bżonn;

c) teoloġiku: għax tikber il-għaqda b'solidarjetà mal-membri tal-ġisem mistiku ta' Kristu li huwa l-Knisja u b'hekk tinħoloq mentalità missjunarja fl-istess komunità parrokkjali.

Ġid ieħor li jista' joħroġ minn ġest bħal dan huwa li l-parroċċa ma taħsibx biss fil-missjoni meta toqrob il-Ġurnata Missjunarja u daqshekk, imma ssir attitudni qaddisa li tidher is-sena kollha.

Il-għajnuna missjunarja ma tibqax limitata biss fuq livell ta' finanazi (xi ħaġa li f'Malta teżisti) imma bil-formazzjoni li, l-istess Kummissjoni Ħidma Missjunarja Parrokkjali tagħti, ixxettel mentalità ġdida mibnija fuq it-talb għall-missjunarji u l-missjonijiet u ssir ukoll animazzjoni għal vokazzjonijiet missjunarji minn fost il-lajċi. Ħidma bħal din indirettament hija ħidma għall-vokazjonijiet saċerdotali u reliġjużi u mhux inqas missjunarji fil-parroċċa.

Fuq kollox, ħidma bħal din hija ħidma li timmira sabiex il-parroċċa ssir "parroċċa missjunarja" fis-sens wiesa' tal-kelma. U meta parroċċa tieħu din l-attitudni tkun qed tgħix il-vokazzjoni tagħha fi ħdan il-Knisja.

L-inizjattiva li ħadet il-parroċċa ta' Wied il-Għajn hemm parroċċi oħrajn li qed iwettquha. Jalla dan il-ġest li ġie mfaħħar fil-paġna tas-*Sunday Times (Christian Outlook - 14-09-2003)* ikompli jiġi imitat minn parroċċi oħrajn bil-għan li mhux biss tikber l-animazzjoni missjunarja f'Malta imma wkoll tieħu aktar xejra teoliġika u ekkleżjali u b'hekk tkun aktar sinċiera u ġenwina.

## L-EWWEL FROTT

***minn Emmanuel Schembri***

Il-ġemellaġġ li nħoloq fis-sena 2003 bejn il-parroċċa ta' Sant'Anna ġewwa Wied il-Għajn u l-parroċċa ta' Sant'Anna ġewwa Kuba hu lok ta' impenn bejn il-parroċċi nvoluti. Fil-parroċċa ta' Wied il-Għajn, fiż-żmien tal-Milied, issir 'siġra ta' mħabba' fil-knisja biex il-poplu tal-parroċċa juri lil min hu fil-bżonn l-imħabba tiegħu. Għalhekk, f'din is-siġra ta' mħabba, jitwaħħlu x-xewqat ta' min hu fil-bżonn u mbagħad jingħata dak li jkun jixtieq minn dak li ħa l-messaġġ mis-siġra. Din is-sena l-Kummissjoni Djakonija ħasbet biex tinkludi wkoll lit-tfal tal-parroċċa ta' Kuba. Il-poplu ta' Wied il-Għajn irrisponda billi nġabret is-somma ta' Lm1039. Għalhekk matul is-sena 2003 ġiet miġbura b'kollox is-somma ta' Lm1539 li għall-parroċċa ta' Kuba jfissru ħafna. Dan il-ġid materjali jrid jiżdied mal-ġid spiritwali ta' bejn iż-żewġ parroċċi taħt il-patruna tagħna Sant'Anna.

***Nota ta' l-Editur:*** F'isem Fr. Philip Cutajar, missjunarju Kapuċċin f'Kuba, irrid irrodd ħajr lill-Kappillan Dun Anton Cassar, lis-sinjur Emmanuel Schembri inkarigat minn dan il-proġett u lill-parruċċani kollha ta' Wied il-Għajn għall-ġenerożità kbira tagħhom. Il-Mulej ikompli jixħet il-barka tiegħu fuq din il-parroċċa.

Br Dennis Calleja OFM

# Il-Mixja lejn is-Saltna

Il-bniedem jinsab f'mixja kontinwa, mixja li taf il-bidu tagħha fit-tnissil u li ma tistax tieqaf għax il-ħajja hi għal dejjem, kif għal dejjem hu Alla li jagħtiha lilna. Dan il-vjagg hu wieħed li jiżviluppa fiż-żminijiet diversi bil-għan li jasal għall-milja tas-Saltna.

l-Eżodu hu l-ewwel pass ta' din il-mixja. Il-ktieb ta' l-Eżodu fih ġrajja fantastika li ddawwal l-għemejjel kollha li jwasslu l-bniedem ftit ftit biex jagħraf il-kobor ta' l-Iben ta' Alla. Fl-Eżodu nistgħu nsibu r-raġunijiet tal-ħajja tagħna, il-limiti u n-nuqqas ta' esperjenza taċ-ċkunija tagħna, il-biki ta' dnubna, il-għana ferrieħ tar-rebħa fuq il-ħażin, il jseħħu bil-mod mal-mixja tal-ħajja.

Alla jsejħilna għall-perfezzjoni għax hu perfett, imma hu dejjem jagħtina ż-żmien meħtieġ kollu, għax twila t-triq u mhux żgħir it-taħbit. Biex jilħaq din il-perfezzjoni l-bniedem jeħtieġ li jħossu l-maħbub ta' Alla, jipprova jkun safi ħalli Hu jgħix fih. Irid jipprova jkun fqir ħalli jkun jista' jiġri iżjed bil-ħeffa lejn is-saltna. Però jeħtieġ dejjem iż-żmien. Ħajjitna tinbidel, iżda ftit ftit, sewwa sew kif juri l-Eżodu fejn il-poplu ħa erbgħin sena biex qasam id-deżert. U barra minn dan, hemm ħaġa oħra li ma rridux ninsew u li forsi fiha hemm l-esperjenza l-iżjed importanti tal-Eżodu: hemm baħar li rridu naqsmu, u dal-baħar Alla biss jista' joforqu biex jeħlisna mid-dgħufija tagħna.

Fil-mixja tal-ħajja żgur li ser insibu ruħna f'deżert. Id-deżert mhux xi realtà ġeografika, huwa realtà ta' l-ispirtu. Deżert ifisser tfittxija tas-skiet, tas-sliem, tal-ħemda. Deżert ifisser intimità, intimità vera u qawwija ma' Alla. Jekk l-Eżodu huwa x-xbieha tal-mixja tal-bniedem lejn il-perfezzjoni, id-deżert huwa l-wisgħa meħtieġ. Hu fid-deżert li l-bniedem jitgħallem jagħraf lilu nnifsu, jagħmel l-għażliet tiegħu, kif jgħid id-Dewteronomju: "Inqiegħed quddiemek żewġ triqat: il-ġid u d-deni; agħżel int!"(Dewt 11, 26-27). Hu fid-deżert li l-bniedem jitkisser fit-talb fit-tul u ħaj, li jidra t-taħbit tal-mixja, li jitgħallem jagħraf safejn tasal ħiltu, l-egoiżmu tiegħu, il-għażż tiegħu, u fuq kollox, il-ħwejjeġ moħbija minnu. Kif naqraw fil-Ktieb ta' Hosea: "Ħadtek fid-deżert biex tara dak li kien hemm ġo qalbek" (Hos 2, 16).

Iżda dan mhux kollox. Fid-deżert ikollna neħilsu mill-allat foloz; naqsmu sa fl-aħħar il-Baħar tal-Qasab, nilqgħu t-tisfija mill-gideb u mill-egoiżmu, nidraw nafdaw f'min qed imexxina, Alla li hu mħabba. Irridu nitgħallmu nsiru nafu lil Ġesu u jkun Hu li jgħallimna u jmexxina fl-aħħar medda tal-mixja, dik li hi l-qofol, dik tas-salib. Jiġifieri jgħallimna mmutu bl-imħabba. Jgħallimna nbiddlu t-tgemgim kollu li għamilna tul it-triq. Id-deżert hu tabilħaqq il-post ta' Alla u l-post fejn il-bniedem jitgħallem joqgħod miegħu u jiskopri r-realtà tiegħu li hi mħabba, imħabba biss!

Għalkemm il-mixja tista' tkun mudlama u iebsa biex timxi fiha, dawn ma jaslux biex jaħbu s-Saltna. Id-dehra tas-saltna hi meħtieġa wisq biex negħlbu d-dgħufija tagħna. Kollox hu marbut ma' din it-tama u l-mixja ssib il-qawwa tagħha f'din ir-realtà. Is-Saltna tinkixef quddiem il-bniedem fil-persuna ta' Ġesù li jsejjaħ u li jrid jibni mal-bniedem rabta dejjem iżjed intima ta' ħbiberija u ta' ħajja. Is-Saltna hi d-dar tas-Sultan, ir-realtà divina tiegħu ta' sliem, ta' ġustizzja u ta' ħniena. Il-mixja tal-Lhud fid-deżert kellha bħala mira l-Art Imwiegħda. Għalina l-mira hi s-Saltna, li tagħha l-Art Imwiegħda kienet xbieha u profezija. Is-Saltna hi tweġiba għal kull xewqa, hija ġustifikazzjoni ta' kull stennija, il-milja ta' kull rebħa. Ma nistagħġbux mela jekk, biex naslu ħalli niksbuha, ikollna noħorġu l-għaraq jew nimxu fit-tul. Ma nistagħġbux bit-tisfija li jkollna nagħmlu qabel ma nirfsu fuq l-għatba tagħha.

Kbar huma l-kundizzjonijiet tas-Saltna u l-kisba tagħha titlob ħafna mill-bniedem. Tabilħaqq fl-Evanġelju hi mqabbla ma' teżor moħbi fl-art (Mt 13, 4), ma' ġawhra tqum ħafna (Mt 13, 5) li tinxtara b'dak kollu li għandu l-bniedem.

Is-Saltna hija fejn tintemm il-mixja li tkun bdiet f'dak il-jum li fih bħala bniedem tnissilt fil-ġuf t'ommok. Hu għalhekk li t-tnissil tiegħek kien ġrajja importanti għax kien tnissil imfassal b'rabta mas-Saltna. Hu Alla l-bidu u tmiem, l-Alfa u l-Omega. Aħna mibdija b'dak l-għemil ta' mħabba, imqawwijin u mħarsa minn Alla li hu l-Ħaj, naslu sa l-hena bla tarf fejn lejl ma jkunx hemm iżjed, u nsaltnu mal-Mulej għal dejjem (ara Apok 22, 5). ❑



P. Martin Micallef OFMCap

# KLIEM IL-ĦAJJA

## 30 Sena ta' servizz lill-Kelma ta' Alla

Naħseb li ftit huma dawk il-Maltin u l-Għawdxin li qatt ma semgħu bil-pubblikazzjoni ta' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin, *Kliem il-Ħajja*. Nistgħu ngħidu li din hija waħda mill-aktar pubblikazzjonijiet bibliċi bil-Malti mfittxija mill-qarrejja lokali u li għamlet suċċess fil-gżejjer tagħna kif ukoll fost tant emigranti Maltin li ħallew xtutna.

Kien eżattament tletin sena ilu, f'Jannar ta' l-1974, meta P. Donat Spiteri, Franġiskan Kapuċċin, ħolom u wettaq il-ħolma tiegħu li jibda dan il-proġett bibliku bħala servizz lill-Kelma ta' Alla. Nistgħu nqisu lil P. Donat bħala wieħed mill-profeti ta' żminijietna li qara tajjeb is-sinjali taż-żminijiet wara r-riħ ta' bidla li ġab miegħu l-Konċilju Vatikan II.

Ma kinux għaddew wisq snin minn dan l-avveniment kbir fil-ħajja tal-Knisja li P. Donat ma weġibx għall-waħda mit-talbiet li ħarġet minn dan il-Konċilju li: "Jenħtieġ li l-insara jkunu jistgħu jersqu b'ħeffa lejn l-Iskrittura Mqaddsa" (*Dei Verbum* n.22).

Kien f'dan ix-xenarju ta' wara l-Konċilju, li f'Jannar ta' l-1974, P. Donat ippubblika l-ewwel ħarġa tal-librett *Kliem il-Ħajja*. Għal din l-ewwel ħarġa ġew stampati elfejn kopja. P. Donat stess jgħid li hu ma kienx ċert jekk dawn il-kopji kinux ser jinxtraw jew le. Iżda dawn l-elfejn kopja nħatfu mal-ewwel, tant illi għat-tieni numru li ħareġ xahrejn wara, in-numru ta' kopji stampati ġie rduppjat għal erbat elef kopja!

Dan juri li l-idea ta' din il-pubblikazzjoni biblika ntlaqgħet tajjeb sa mill-bidunett. P. Donat ġie inkoraġġit ħafna mill-Provinċjal tal-Kapuċċini Maltin ta' dak iż-żmien li pprovdielu somma meħtieġa ta' flus sabiex jiffaċilita r-realizzazzjoni ta' dan il-proġett bibliku.

L-awtoritajiet tal-Knisja lokali wkoll inkoraġġew din l-inizzjattiva li l-bżonn tagħha kien jinħass sewwa fil-gżejjer tagħna. L-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Mikiel Gonzi, bagħat jifraħ lil P. Donat f'nota li tgħid: *"L'Arcivescovo di Malta vivamente ringrazia il Rev. Padre Donato Spitero O.F.M.Capp. del libriccino Kliem il-Ħajja offertogli e di cuore lo benedice"* (ara *Kliem il-Ħajja*, Jannar -April 2004, p.127).

Il-Vigarju Ġenerali ta' dak iż-żmien, Mons. Isqof Emmanuel Galea, li kien ukoll bagħat messaġġ sabiħ lil P. Donat li fih kiteb: "ħidma bħal din hi ta' min jinkuraġġiha, għax blha l-Insara jsiru jafu aħjar u jħobbu aktar il-kotba li fihom il-kelma ta' Alla nnifsu." (ara qoxra ta' wara ta' l-ewwel ħarġa ta' *Kliem il-Ħajja*, Jannar-Frar 1974).

L-Isqof ta' Għawdex, Mons. Nichol Cauchi, ma naqasx ukoll li jibgħat il-messaġġ tiegħu fit-tieni sena ta' din il-pubblikazzjoni ġdida li fih huwa jifraħ lil P. Donat u jikteb: "*Kliem il-ħajja*, li kif huma mfasslin jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira sabiex l-insara jsiru iżjed familjari mal-Kotba Mqaddsa u jidraw jaqraw ta' kuljum







*L-ewwel ħarġa ta' Kliem il-Ħajja fl-1974 u l-ħarġa ta' Jannar-April 2004.*

siltiet minnhom bi spirtu ta' talb. *Kliem il-Ħajja* jista' jservi mhux biss bħala ktieb ta' talb personali ta' filgħodu jew filgħaxija imma wkoll għal-laqgħat tal-gruppi ta' talb. Filwaqt għalhekk, li nuru l-ħajr tagħna lill-Patri Donat Spiteri li għandu f'idejh din l-inizjattiva .... nawguraw li ... joktor l-għadd tal-insara li jaqraw ta' kuljum il-Kotba Mqaddsa sabiex hekk jitwettqu tabilħaqq it-tiġdid fil-ħajja Nisranija u l-vera konverżjoni tal-qlub" (ara qoxra ta' wara ta' *Kliem il-Ħajja*, Jannar-April 1975).

L-istudji bibliċi li P. Donat kien għamel ġewwa Ruma bejn is-snin 1948 u 1954 issa bdew jidhru u jissarrfu jum wara jum fil-kitbiet tiegħu stampati fil-paġni ta' *Kliem il-Ħajja*. Sena wara sena, P. Donat b'ħeġġa kbira dar mal-Kotba kollha tal-Bibbja u b'mod tassew sabiħ, devot, u intelliġenti, huwa fetaħ it-teżor tat-tifsir tal-paġni ta' l-Iskrittura.

Hekk kiteb Mons. Anetto Depasquale, dak iż żmien Vigarju Ġenerali, fl-okkażjoni ta' l-20 Sena tal-pubblikazzjoni ta' *Kliem il-Ħajja*. "Il-Knisja f'Malta għandha tassew għaliex trodd ħajr lil Alla talli matul dawn l-aħħar għoxrin sena, mill-1974 sa llum, kellha mezz sempliċi u effikaċi biex twassal kuljum il-Kelma ta' Alla, u r-riflessjoni fuqha fi spirtu ta' talb, fi ħdan eluf ta' familji Maltin u Għawdxin. Alla nqeda b'Patri Donat Spiteri, Kapuċċin, biex jagħti dan ir-rigal prezzjuż tiegħu lill-Knisja f'Malta. Kien hu li nebbaħ lil Patri Donat biex b'imħabba, b'kuraġġ u b'impenn kbir, kemm lejn l-istess Kelma ta' Alla kif ukoll lejn ħutu l-Insara li jiffurmaw il-Knisja f'pajjiżna, jidħol għal din il-biċċa xogħol tassew kbira. Għax trid ħafna impenn biex *kuljum u għal snin twal* tibqa' tagħżel siltiet mill-Kotba Mqaddsa u twassal il-messaġġ tagħhom lill-poplu tagħna, b'mod li saħansitra l-aktar nies sempliċi u ta' ftit skola kif ukoll l-aktar għorrief u ta' skola jkunu jistgħu jifhmu dan il-messaġġ" (ara *Kliem il-Ħajja*, Jannar-April 1994).

Matul dawn l-aħħar snin, ġew mistiedna wkoll xi wħud mill-aħjar biblisti Maltin u persuni oħra midħla sewwa tal-Kotba Mqaddsa sabiex minn xahar għal ieħor jagħtu l-kontribut tagħhom permezz tar-riflessjonijiet bibliċi fuq is-siltiet magħżula għal kuljum.

Nistgħu ngħidu wkoll li f'dawn it 30 sena, din il pubblikazzjoni żammet l-istess format, dak ta' silta qasira għal kuljum meħuda mill-Kotba Mqaddsa, bi spjega u meditazzjoni fuq din l-istess silta, flimkien ma' talba qasira li tagħlaq il-ħsieb ta' kull paġna. Anke l-qjies ċkejken ta' dan il-librett għen ħafna sabiex il-qarrejja ta' din il-pubblikazzjoni biblika jkunu jistgħu jġorruh magħhom fuq ix xogħol, fil karozzi tal linja, fil knejjes u f'postijiet oħra.

L-interess baqa' dejjem jikber. Ħafna kappillani f'parroċċi differenti fil-gżejjer tagħna bdew jistiednu lill-parruċċani tagħhom sabiex jabbonaw f'din il-pubblikazzjoni biblika ta' l-Aħwa Kapuċċini li issa bdiet issir aktar magħrufa u mfittxija.

F'għeluq il-25 sena minn meta beda jiġi stampat *Kliem il-Ħajja*, jiġifieri, f'Jannar ta' l-1999, l-elfejn kopja li ġew stampati fl-ewwel ħarġa telgħu għal 19,000 kopja. Ix-xogħol ma waqafx u permezz ta' bosta kampanji oħra li saru f'żoni ġodda li għadhom qed jiżviluppaw, f'għeluq it-30 sena, jiġifieri, f'Jannar ta' din is-sena ġew stampati 20,000 kopja biex *Kliem il-Ħajja* sar wieħed mill-pubblikazzjonijiet l-aktar imfittxija fil-gżejjer tagħna.



*P. Donat Spiteri u P. Martin Micallef jippreparaw waħda mill-ħarġiet ta' Kliem il-Ħajja.*

Hekk kiteb fil-messaġġ li l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca bagħat lil P. Donat fl-għeluq il-25 sena mill-pubblikazzjoni ta' *Kliem il-Ħajja*. F'dan il-messaġġ naqraw: "Meta nkunu nużaw *Kliem il-Ħajja* nkunu nitolbu, imma mhux biex naqilgħu xi ħaġa, iżda biex irroddulu ħajr u nfaħħruh għall-kobor tiegħu ... Talb b'dan il-mod qed jagħmluh mijiet ta' nies kuljum ... Il-Mulej żgur qed ibierek dan l-appostolat hekk sabiħ u hekk ta' ġid; u jiena nagħti l-barka tiegħi lil kull min hu impenjat f'din il-ħidma b'rahan ta' kull ġid mis-sema" (ara *Kliem il-Ħajja*, Jannar-April 1999, p.2).

P. Donat ħaseb ukoll biex din il-pubblikazzjoni biblika tkun mezz

ta' evanġelizzazzjoni fuq livell ieħor. Huwa ried li l-kopji ta' *Kliem il-Ħajja* ma jintbagħtux bil-posta kif soltu jsir f'ħafna mill-pubblikazzjonijiet. Minflok, huwa waqqaf grupp ta' distributuri li jqassmu bieb bieb l-20,000 kopja li jiġu stampati kull erba' xhur. Anke din il-ħaġa rnexxiet, u huma bosta dawk li b'imħabba kbira jqassmu din il-pubblikazzjoni dar dar filwaqt li jagħtu kelma tajba lill-familji li jilqgħuhom.

F'għeluq il-25 sena minn din il-pubblikazzjoni, kif kien ġie mgħarraf fil-ħarġa ta' Jannar-April 1999, is-Superjuri ta' l-Ordni Kapuċċin f'Malta għażlu lil P. Martin Micallef bħala Editur ta' *Kliem il-Ħajja* sabiex dan ikompli jgħin lil P. Donat li minkejja li qed jikber fl-età huwa baqa' dejjem attiv fil-pastorali biblika.

Bħala proġett ta' Kliem il-Ħajja f'għeluq it-30 sena ta' din il-pubblikazzjoni, l-Aħwa Kapuċċini Maltin ħasbu sabiex jagħtu kontribut ieħor fil-pastorali biblika. B'dan il-għan, ġie deċiż li parti mill-kunvent tagħhom tal-Floriana jiġi mibdul f'Ċentru Bibliku.

Dan jiġbor fih l-uffiċċju ta' *Kliem il-Ħajja* fejn isir ħafna mix-xogħol ta' preparazzjoni għal din il-pubblikazzjoni. Magħqud ma' dan l-uffiċċju, fi Frar ta' din is-sena, ser tinfetaħ ukoll Librerija Biblika mgħammra bl-aħħar studji bibliċi li nsibu bħalissa. L-għan ta' din il-Librerija Biblika huwa li jiġu mgħejjuna l-istudenti ta' l-Universtità u persuni oħra interessati fl-istudji bibliċi avvanzati, li aktar ma jmur, aktar qed jintwera interess fihom.

F'għeluq it-30 sena ta' din il-pubblikazzjoni *Kliem il-Ħajja*, l-Aħwa Kapuċċini Maltin iħarsu lejn dan il-proġett bħaż-żerriegħa żgħira tal-parabbola (ara Mk 4:30-32) li nżergħet u baqgħet dejjem tikber sakemm saret siġra kbira. Ta' dan kollu huma grati ħafna lejn il-Mulej u lejn dawk kollha li taw u għadhom jagħtu s-sehem tagħhom sabiex il-Kelma ta' Alla tkompli tinżera u tikber fil-qlub ta' dawk kollha li jixtiequ jiskopru l-imħabba tiegħu fil-paġni tal-Kotba Mqaddsa.

Għal din is-sena 2004 qed jiġu ppreżentati fi *Kliem il-Ħajja* siltiet mill-Evanġelji Sinottiċi, jiġifieri, l-Evanġelju skond San Mark, San Mattew u San Luqa flimkien ma' riflessjoni fuq dawn is-siltiet. Kull min hu interessat li jingħaqad mal-famlija kbira ta' *Kliem il-Ħajja*, jiġifieri li jabbona f'din il-pubblikazzjoni biblika li toħroġ tliet darbiet fis-sena, darba kull erba' xhur, għandu jikteb f'dan l-indirizz:

*Kliem il-Ħajja*, Kunvent ta' l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini, Floriana VLT 14. email: micmar@vol.net.mt







***Il-Librerija Biblika u l-Uffiċċju ta' Kliem il-Ħajja.***

Nagħlqu b'messaġġ li l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca kiteb fit-18 ta' Novembru 1978, lil P. Donat Spiteri: "Bi *Kliem il-Ħajja* għandna f'idejna mezz mill-aqwa għall-meditazzjoni tal-Kotba Mqaddsa; jalla nagħrfu nagħmlu użu minnu mill-aħjar biex nitqawwew fil-fidi, nissaħħu fit-tama, u nitħeġġu fl-imħabba ta' Alla, ħalli fost it-taqlib u t-tiġrib kollu tad-dinja qlubna jkunu fejn tinsab tassew il-hena - fi Kristu Ġesù." ❑

## Oħtna l-Mewt Iżżurna

Nhar il-Ħamis, 25 ta' Diċembru 20032, nhar il-Milied, oħtna l-mewt żaritna meta ħadet lil Ħuna P. Anton Mompalao fi ħdan il-Missier fl-età ta' 57 sena. Wara żmien rikoverat fis-*Central Home*, il-Mosta u dan l-aħħar fid-Dar tal-Kleru f'Birkirkara, P. Anton ġie biex jiekol magħna fil-fraternità tal-Furjana u proprju waqt it-talba ta' qabel l-ikel, quddiem kulħadd, mejjel rasu u ħalliena. Il-funeral tiegħu sar l-għada il-Ġimgħa, 26 ta' Diċembru fil-knisja tagħna tas-Salib Imqaddes, fil-Floriana fis-2.30 p.m. Kienu numerużi ħafna l-Aħwa Kapuċċini li attendew għall-quddiesa tal-funeral kif ukoll saċerdoti oħra reliġjużi u djoċesani, fosthom l-Arċipriet tal-Floriana u l-Arċipriet tal-katidral ta' Għawdex, familjari u ħbieb.



Mexxa l-quddiesa kkonċelebrata P. Crispin Tabone, Ministru Provinċjali li għamel ukoll l-omelija. Dawk preżenti kienu xhieda ta' kemm dan Ħuna kien maħbub. Wara l-quddiesa l-katavru tiegħu ġie midfun f'wieħed mill-oqbra tagħna fiċ-ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid.

Nhar it-Tlieta, 30 ta' Diċembru, saritlu wkoll quddiesa kkonċelebrata fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, Kapuċċini, Victoria, immexxija minn P. Pawl Bugeja OFMCap, Gwardjan tal-fraternità ta' Għawdex, flimkien ma' għadd ta' saċedoti, qraba u ħbieb.

Filwaqt li nitolbu għal dan Ħuna P. Anton biex il-Mulej idaħħlu fil-ħajja ta' dejjem, nagħtu l-għomor lil ħutu, Gracie, Maria, John, Walter, Karmenu u Josianne u l-familji tagħhom, lil zitu Ġużeppa Bonnici, qraba u ħbieb, u nwegħduhom it-talb tagħna.

Agħtih, O Mulej, il-mistrieħ ta' dejjem.

## Statistika 2003

**Hawn ser nagħtu statistika ta' kif aħna l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini temmejna s-sena 2003**

| **L-Aħwa Kapuċċini Maltin f'Malta** | |
|---|---|
| Saċerdoti | 75 |
| Brs Professi Perpetwi | 12 |
| Professi Temporanji | 6 |
| Novizz | 1 |
| Postulant | 1 |
| **Total** | **95** |

| **L-Aħwa Kapuċċini Maltin barra minn Malta** | |
|---|---|
| Awstralja | 1 |
| Kenja | |
| - Isqfijiet | 2 |
| - Saċerdoti | 7 |
| - Brs Professi Perpetwi | 1 |
| Kuba | 1 |
| Tanzanija | 1 |
| USA | 1 |
| **Total** | **14** |

| **L-Aħwa Kapuċċini Kenjani** | |
|---|---|
| Saċerdoti | 17 |
| Djaknu | 1 |
| Brs Professi Perpetwi | 4 |
| Professi Temporanji | 18 |
| Novizzi | 7 |
| Postulanti | 4 |
| **Total** | **51** |

Għal dawn il-vokazzjonijiet kollha, Maltin u Kenjani, għandna għalxiex irroddu ħajr lil Alla li, minkejja d-dgħufija tagħna l-bnedmin, għadu jsejjaħ persuni biex jaqduh u jafda f'idejhom il-kura ta' tant nies oħra. Il-Mulej dejjem jinqeda b'nies ċkejknin bħalma kien San Franġisk li fuq il-passi tiegħu aħna qed nimxu wara l-Mulej Ġesù. Jalla jkun hawn iżjed min jagħti widen għas-sejħa li jagħmillu l-Mulej.

## TIFKIRA TAD-DEHRIET TAL-MADONNA F'LOURDES

### *Fil-kappella ddedikata lilha tal-Kapuċċini fil-Floriana*

Id-dati tat-18-il dehra tal-Madonna f'Lourdes huma:

**Frar:** 11, 14, 18, 19, 20, 21, 23, 24, 25, 26, 27, 28 **Marzu:** 1, 2, 4, 25 **April:** 7 **Lulju:** 16

Ċelebrazzjonijiet fil-Kappella tal-Madonna ta' Lourdes:

- Quddiesa fit-8.30 a.m. kuljum, barra fil-Hdud u l-Festi.
- Fil-jiem tad-dehriet, ukoll meta jaħbtu l-Hadd, quddiesa fil-11:00 a.m. Fis-6:00 p.m. rużarju, kurunella, ċelebrazzjoni ewkaristika u quddiesa bl-omelija.
- Matul ix-xhur ta' Mejju u Ottubru: fis-6.00 p.m. rużarju u wara quddiesa.

# ORATORJU b'tifkira f'Għeluq il-50 Sena mill-Miġja tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini f'Għajn Dwieli

Fl-okkażjoni tal-ħamsin sena tal-preżenza u tal-ħidma tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini f'Għajn Dwieli, ir-Raħal Ġdid, ser jittella' Oratorju fil-knisja ta' Sant'Antnin nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Frar 2004, fis-7.15 p.m.




Dan l-Oratorju għandu kitba ta' Dr. Kav. Carmel Bianchi li hu magħruf biżżejjed fil-qasam tal-letteratura, u rebbieħ f'bosta konkorsi letterarji lokali u internazzjonali.

L-orkestra u l-kor *Sine Macula* ta' Ħal Safi ser ikunu taħt id-direzzjoni tas-Surmast Tony Pace B.A.Educ, L.Mus.



# Mill-ittri tal-qarrejja ...

• Għażiż Fr. Joe, Jiena r-rebbieħ tat-tisliba ta' Novembru. Nirringrazzjak tal-ktieb veru sabiħ u interessanti li bgħattli, u prosit tal-artikli sbieħ li jkun fiha r-rivista **Dawl Franġiskan**. Hija rivista interessanti kemm għar-ruħ u kemm għall-ġisem. Veru prosit. Grazzi u berikni. *J. Caruana - Mosta*

• Għażiż Fr. Joe, l-ewwelnett irrid ngħidlek prosit tar-rivista tant interessanti **Dawl Franġiskan**. L-artikli li jkun fiha jolqtu lil kulħadd. Hawn qed nibgħatlek il-ħlas għat-tiġdid ta' l-abbonament u għall-biljetti tal-lotterija. Filwaqt li nselli għalik nitolbok tberikni u titlob għalija. Saħħa. *J. Vella - Mellieħa*

• Dear Fr. Joe, please note that I have not received the issue of October 2003 of **Dawl Franġiskan**, as I am very keen in having all issues for my library.

Sorry to incure any inconvenience, but I wish to have all the issues. Thanking you in advance. Yours faithfully *A. Gera - Gzira*

## Tista' tgħin lill-missjoni billi tiġbor u tibagħtilna:



- **Bolol u Telecards użati**
- **Muniti qodma ta' Malta u Barra**
- **L-irċevuti fiskali tal-VAT**
- **Kotba bi stejjer fittizji**
- **Postcards**

*Ibagħtuhom lil:*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini,*
*Kunvent tal-Kapuċċini*
*Floriana VLT 14*

**Nirringrazzjawkom għal kull għajnuna li tagħtuna.**

# Meta nħares lejn is-sħab

*minn Prof. Oliver Friggieri*

Meta nħares lejn is-sħab
u nistaqsi x'hemm hemm fuq,
meta ħarsti fis-smewwiet
tegħreq bla ma nifhem xejn,
minnufih jien naħseb fik,
Alla moħbi kullimkien.

Meta l-kwiekeb tul il-lejl
jidhru jteptpu mixgħulin,
meta l-ikħal ta' bla qies
jiksi l-art minn tarf sa tarf,
jien inqimek, Alla kbir,
u nintebaħ kemm jien żgħir.

Meta nara s-sena ddur,
pass fuq pass ta' kull staġun,
meta tinżel xita qliel,
meta joħroġ jum sabiħ,
jien nissaħħar ħafna bik,
Alla, sid ta' dal-ħolqien.

Meta l-għana ta' l-għasfur
jimla s-sema kollu ferħ,
meta tiftaħ warda tfuħ
u jkun sar fi żmienu l-frott,
jien nistagħġeb kif idejk,
Alla, fasslu dan il-ġmiel.

Meta nħoss ix-xemx hemm fuq,
jew il-qamar f'lejl bla sħab,
meta nilmaħ l-oċean
firxa fonda mingħajr truf,
jien nintelaq ġo dirgħajk,
Alla, moħħ ta' l-univers.

Meta jdoqq f'widnejja r-riħ,
meta r-ragħad iqum qalil,
meta nisma' s-skiet tal-lejl,
meta nħoss tektik il-jum,
jiena naf, tkun Int, Mulej,
li tkellimni b'dan il-kliem.

NOVELLA

*Lina Brockdorff OFS*



# Imriewaħ tal-Palm

## L-EWWEL PARTI

### I

Malli jinfetaħ il-bieb tal-kewba fuq il-lemin tar-restorant *Royal* kien jasal l-istorbju sfrenat ta' mużika tad-disko flimkien mar-raġġi jkanġu tad-dawl qabbieżi. Il-ġenna taż-żgħażagħ! Jidħlu hemm b'mitt ħolma, mitt xewqa, u joħorġu...? Imbagħad fuq ix-xaqliba l-oħra orkestrina ta' vjolini jdoqqu l-minwetti, tant li bilkemm ma tistenniex li tara xi ballarini tal-kina joħorġu jiżfnu bħal dawk li jduru meta tiftaħ xi kaxxa antika tat-ġojjelli. Id-disko u l-orkestra, żewg dinjiet imbiegħda minn xulxin u fin-nofs jifridhom ir-restorant.

Wejters libsin l-iswed iżiġġu 'l hemm u 'l hawn bil-gabarrejiet mimlijin ikel u xorb; imwejjed miksijin tvalji rrakkmati bojod silġ, u dawn kollha mdawrin bin-nies. Nies bil-ġuħ? Nies li marru jiċċelebraw xi okkażjoni? Nies li marru kemm biex jiltaqgħu ma' dik jew ma' dak? Jew jista' jkun li spiċċaw hemm għax ma kenux jafu x'ser jagħmlu bihom infushom! U allura spiss jiġri li dak l-ikel li għalih ikunu ħallsu flus kbar, dak l-ikel bilkemm jiġguslawh u jibqa' fuq l-istonku u jdejjaqhom tant li jispiċċaw isaqsu lilhom infushom x'fettlilhom reġgħu marru hemm.



Dawn il-ħsibijiet bdew għaddejjin geġwiġija minn moħħ Geoffrey waqt li bi sforż u b'apatija kien qed iqatta' l-laħam *steak Diane* u jipprova jiekol mingħajr aptit. Ma kienx f'sikktu. Dak l-ambjent rikk ta' divertiment u storbju ħassu qed jifgah. Quddiem fuq l-istess mejda kien hemm is-sieħba tiegħu Janet, sabiħa bħas-soltu, u bħas-soltu titħaddet dwar l-elf ħaġa ta' madwarhom u ta' bejnlethom. Janet, żgura minnha nnifisha u żgura minnu. Janet, il-mudella Svediża li minn kull fejn tgħaddi tħoss għajnejn kulħadd kalamita għal fuqha. Janet, li ħames snin qabel saħħritu bħas-sireni li jisirqu qalb il-baħħara u li għaliha warrab kollox fuq ix-xaqliba l-oħra tad-dinja... ġo Malta!

Dak il-ħin għal Geoffrey hi ma kenitx ħlief statwa ta' rħam, bħal dak l-irħam tal-kolonni madwarhom. Dari, imqar leħinha jlissen ismu kien ikun biżżejjed biex iferrħu. Lcħinha kien ifakkru fl-ilma ġieri tan-nixxiegħa. Fejn spiċċat dik il-ġibda bla rażan u bla raġuni li sa ftit jiem u ljieli ilu kienet taħkmu? Għaliex issa kien qed isaqsi lilu nnifsu dan kollu? Għaliex din l-analiżi?

Hi kienet bnietlu madwaru dinja-ġenna, dinja maġika fejn hu kien jara lilu nnifsu eroj fortunat, eroj li jirbaħ dejjem u ma kienx jista' jifhem kif id-destin kien tella' l-pedina tiegħu biex ilaqqgħu magħha. X'ġara f'salt wieħed?

Janet, bla dubju baqgħet li kienet; tbaqbaq bix-xewqa u sa fejn jaf hu fidila lejh. Imma hu... hu kien inbidel, jew is-seħer kien inkiser, inħela. Tul il-jum dejjem kien hemm skuża ta' xogħol, imma l-iljieli kien qed isibhom twal wisq u hu bla sabar jistenna l-ewwel merżuq dawl ħabbar taż-żerniq.

Il-ħajja tiegħu ma' Janet, li sa ftit ilu kienet l-isbaħ paġna minn rumanż, issa svolġiet f'logħba ta' taparsi, jew agħar minn hekk - saret farsa, ħaġa ridikola, vojta u bla sens.

Tilef kemm-il darba il-fil tal-konversazzjoni u għatta dan in-nuqqas bi skuża ta' wġigħ ta' ras. It-tazza tax-xampanja tielgħa u nieżla ma' ħalqu, drabi vojta basta jsib xi ħaġa x'jagħmel biex jimla s-skiet imbarazzanti.

Ħass li kien qed joqrob iż-żmien li tintemm il-farsa. Dalwaqt jingħalaq is-siparju, u jimmuta d-diwi tad-daħk. Ir-riflessi tad-dwal tar-ribalta u ta' bejn il-kwinti kienu qed jiddgħajfu u ser jaqa' d-dlam. Imbagħad l-atturi ma jkollhomx x'jagħmlu aktar għajr li jneħħu ż-żebgħa minn fuq wiċċhom, jinżgħu l-ħwejjeġ ilellxu u, b'sens ta' akkwist jew ta' fjask, imorru fil-kwiet lura lejn darhom.

## II

Maż-żarżir tal-qanpiena elettrika, il-ġnien u l-bitħa ta' l-iskola jimtlew bit-tfal u bl-istorbju. Qisha bħal xmara ta' tfal lebsin l-ikħal tfur f'daqqa u fi ftit sekondi dak il-lewn ikħal ifawwar l-inħawi ta' mad-dawra. Geġwiġija ta' ilħna, ħsejjes ta' karti u boroż tal-plastik jinfetħu biex minnhom toħroġ il-kisra ħobż li tkun ilha tittantahom tul il-lezzjonijiet kollha.

Wara ftit dik il-formazzjoni ta' esodu tinbidel u minnha jinqatgħu għal rashom bħal għadajjar gruppi żgħar u oħrajn akbar. L-għagħa u l-konfużjoni jonqsu sa ma terġa' ssemma' leħinha l-qanpiena u bil-lajma kollha l-għadajjar jerġgħu għal ħdan ix-xmara għal ġol-bieb ta' l-iskola - u jerġa' jsaltan il-kwiet mal-bitħa u mal-ġnien u mat-toroq ta' madwar l-iskola. Waqt dik il-kwarta, rari tara tifel jinqata' għalih u jekk dan jiġri mhux sinjal tajjeb għax soltu t-tfal jippreferu li jingħaqdu fi ggajta u mhux joqogħdu weħidhom.

Imma Pawlu dak in-nhar kien waħdu għax sieħbu Joey kien falla l-iskola. Serraħ dahru maz-zokk ikkuskjat u aħrax tat-palma xiħa u kull darba li jerfa' għajnejh 'l fuq jistagħġeb sa fejn irnexxielha titla' dik is-siġra. Kemm kien iħossu ċkejken hemm taħtha! Dawn l-aħħar ħmistax-il ġurnata minn mindu kellu d-deni kien twal biċċa sew u ommu erħilha tniżżel il-kfief tal-qliezet ta' l-uniformi. Ma kienx hemm tama li jkollu qalżiet ġdid qabel sena oħra jekk għallinqas ma tagħmillux xi wieħed in-nanna għal għeluq sninu. Iva, xtaq qalżiet ġdid, imqar wieħed. Drabi kien jibża' li xi darba ż-żipp ma jitlax jew jieqaf fin-nofs, inkella li għad jixpakka l-qalżiet daqs kemm kien dejjaq fuqu. Li kieku l-*pullover* kien twil biżżejjed biex jgħatti lanqas kien jimporta, imma dak ukoll kien qasir u wiesa' u mperper miegħu. Iż-żarbun kien sarlu dgħajsa, dieħel u ħiereġ.

Meta għadda għal dik l-iskola ħassu ser itir bil-ferħ u bilkemm ried jemmen li fl-aħħar ġietu waħda tajba. Imma f'dawk is-sentejn li kien ilu hemm beda jintebaħ li kull warda fiha x-xewk, u x-xewka kbira ta' ħajtu kienet lihu, Pawlu ma kienx bħal tfal oħra.

Pawlu kien bla missier, ommu kienet taħdem. Daqshekk kieku ma fiha xejn, bosta mill-ommijiet l-oħra kienu jaħdmu. Min kien għalliem, ners, segretarja, tajpista, tabiba, nutara... waqt li ommu miskina kienet fattiga. Dan kien ikiddu wisq. L-aktar meta fil-klassi d-diskors kien jaqa' dwar il-familja, dwar l-impjieg ta' l-omm u tal-missier. Kien jixtieq l-art tibilgħu biex jgħib għal kollox minn quddiem sħabu. U jibda jxoqq l-għaraq għalih u taqbdu l-misħuta xerqa li kemm-il darba t-tabib tal-berġa serraħlu rasu li mhi xejn ħlief eċċitament. Minn ftit tax-xhur 'l hawn kien beda jtemtem ukoll. L-għalliem mingħajr ħafna paroli kien xamm xi ħaġa u darba tah parir biex mingħajr ma jigdeb jgħid li ommu kienet kumpanja ta' waħda sinjura. Għal inqas Pawlu kien żgur li l-għalliem kien iġibu u rari jagħmillu mistoqsijiet imbarazzanti.

Reġa' għolla ħarstu lejn il-quċċata tas-siġra b'dawk il-weraq imriewaħ kbar jiżfnu maż-żiffa tar-rebbiegħa u li minn hemm isfel bilkemm ma tistħajjilhomx li qed jigirfu l-ikħal tas-sema. Troffa kollha ħadra tħares 'l fuq u troffa kollha mdehba tħares 'l isfel. X'gost tkun siġra! Siġra ma kellhiex minn min tistħi, siġra maestuża, ferrieħa, ma kellhiex bżonn tmur skola u tistudja. Seta' kien għasfur ukoll, wieħed minn dawk il-mijiet jittajru f'sakra ta' ferħ. Dawk imlibbsin kollha sbieħ bir-rix, ma hemmx minnhom min hu għani u min hu fqir.

Veru, kważi aħjar tkun għasfur milli tkun siġra, għax siġra mwaħħla bl-għeruq ma' l-art waqt li għasfur bil-ġwienaħ jista' jtir, jista' jiġri u jaħrab... Kemm xtaq li kien għasfur! Ftakar fil-ħrejjef tas-sħarijiet li dari ommu kienet tirrakkontalu qabel jorqod. Xi drabi n-nies kienu jinbidlu f'annimali, fi tjur jew isiru statwi! Imma mbagħad ommu x'tagħmel mingħajru? U n-nanna? Miskina n-nanna kemm kienet tħobbu! La jikber u jsir raġel kien bi ħsiebu jaħdem ħafna u jaqla' flus kbar biex ma jarax 'l ommu taħdem u lin-nanna dejjem wiċċ in-niket. Tgħid in-nanna kienet imdejqa għax ma kellhomx flus? La jikber...

Il-ħoss tal-qanpiena qajmu mill-ħolma ta' fantasija u dritt beda jkaxkar riġlejh lejn ir-realtà ta' l-iskola u ta' l-istudju, ta' klassi b'ħafna tfal imma mingħajr Joey. L-għada kien bi ħsiebu jsaqsi 'l Joey jekk jaqbilx miegħu dwar jekk hux aħjar tkun għasfur milli siġra. Ma' Joey seta' jitkellem kif ried għax kien jifhmu malajr u jkompli miegħu.

L-għada Joey ma qabilx miegħu għal kollox, għax qal li għasfur tal-bejt jgħix biss għal ftit jiem waqt li siġra għandha mnejn tgħix għal mitejn sena. Imma fl-aħħar qablu li tkun idea tajba li kieku wieħed minnhom isir siġra u l-ieħor ikun għasfur biex hekk jibqgħu flimkien u ma jinfirdux. ❑



# TISLIBA 41

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*



1. Naqleb il-... u r-rikkieb. (Ħag 2, 22) (5)
2. Ħadt tnejn minnhom. (Żak 11, 7) (6)
3. Kliem iktar minn ħieragħ. (2 Pt 2, 18) (5)
4. Ġa għamilt hekk lill-knisja. (3 Ġw 9) (5)
5. Dan laqa' lill-knisja kollha. (Rum 16, 23) (4)
6. Alla qaddis u iżjed. (Hos 12, 1) (5)
7. Hekk għamel f'jum l-għawġ. (Koħ 7, 14) (5)
8. Ġens bla ħasra għalihom. (Bar 4, 15) (5)
9. Li ... sa minn qabel. (Gal 3, 8) (3)
10. Mgħallem bil-Lhudi (Ġw 20,16) (7)
11. u 12. M'hux se jkun hekk .... (Lhud 6, 10) (6)
13. *Marka* ta' riġlejhom. (Ġdt 6, 4) (6)
14. Temmejt din. (2 Tim 4, 7) (5)
15. ... minn hekk. (1 Tess 4, 10) (5)
16. Kellimhom b'dan l-ilsien. (Is 36, 11) (5)
17. *Mgħammar* b'karrijiet, ljunfanti. (1 Mak 1, 17) (5)
18. Dan żamm ma' Barak. (Mħ 5, 15) (7)
19. Għeneb il-*velenu*. (Dt 32, 32) (4)
20. Xi tkun dar Ġakobb. (Għabd 18) (3)
21. Hekk jagħmel bil-ġid. (Salm 107, 9) (5)
22. Siġġu u *musbieħ*. (2 Slat 4, 10) (5)

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibagħtu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' JANNAR:***

*1. Karti; 2. Djulek; 3. Ħrabt; 4. Qasir; 5. Afek; 6. Bronż; 7. Aħjar; 8. Aħfer; 9. Tul; 10. Brikkun; 11. u 12. Akwila; 13. Lebsin; 14. Bidwi; 15. Nstab; 16. Ittra; 17. Ersaq; 8. Isboset; 19. Biss; 20. Bar; 21. Wissa; 22. Rżina.*

**Ir-Rebbieħa ta' Jannar: Isabelle Scerri – Rabat (Malta)**

# Rokna għat-Tfal

**Tfal, din hi rokna għalikom. Hawn għandkom ġrajja fil-qosor mill-Bibbja. Intom tridu taqraw is-silta kollha mill-Bibbja skond kif għandkom immarkat, u tirrispondu għall-mistoqsijiet li għandkom taħt dan il-qari.**

**Meta twieled Ġesù f'Betleħem, xi maġi ġew Ġerusalemm ifittxuh biex jadurawh. Is-sultan tal-post sama' bihom u bagħathom ifittxuh f'Betleħem, skond kif qalulu. Dawk telqu u l-kewkba li kienu raw qabel wasslithom fejn kien hemm it-tifel. Daħlu ħdejh u tawh xi rigali. Imbagħad marru lura lejn arthom minn triq oħra.**
***(Aqraw: Mt 2, 1-12, jiġifieri l-Evanġelju skond San Mattew, kapitlu 2, versi minn 1 sa 12).***

**Mistoqsijiet?**

- 1. Minn fejn ġew il-maġi?
- 2. X'kien jismu s-sultan?
- 3. Lil min staqsa fejn kellu jitwieled il-Messija?
- 4. X'ried jitkixxef mingħand il-maġi?
- 5. X'rigali taw il-maġi lit-tifel?
- 6. Għaliex marru lura minn triq oħra?

**Ir-Rebbieħ ta' Jannar: Ruben Degabriele – Żejtun**

Mit-tweġibiet tajba li jaslulna mingħandkom, intellgħu waħda u r-rebbieħ jingħata rigal sabiħ mil-**Librerija Preca** (Tal-Museum) tal-Blata l-Bajda.
Indirizzaw it-tweġiba tagħkom hekk:

***ROKNA GĦAT-TFAL***
***P. Joe Alessandro***
***Kunvent tal-Kapuċċini***
***Floriana VLT 14***



Br Dennis Calleja OFMC

# Xi trid Mulej?



Kull żagħżugħ jew żagħżugħa jiġu f'mument fil-ħajja fejn iridu jagħżlu dwar l-istil ta' ħajja li jkunu msejħha mill-Mulej biex jgħixu. Żgur li huwa mument delikat ħafna għallex kull mument ta' deċiżjoni mhux daqshekk faċli li tasal għalih. Iżda bħal kull ħaġa oħra, trid jew ma tridx, ikollok tasal biex tieħu d-deċiżjoni. Għalhekk wieħed tajjeb li qabel ma jiddeċiedi ma jgħaġġilx u għandu jiżen sew dwar x'deċiżjoni ser jieħu.

Franġisku t'Assisi, żagħżugħ mimli enerġija kien joħlom dwar il-futur tiegħu. Xtaq ħafna li jsir kavallier u li jkun popolari. Kien żagħżugħ li jiġbed l-ammirazzjoni ta' sħabu. Iżda l-pjanijiet ta' Alla kienu differenti għalih. Franġisku ħaseb mod u Alla ħaseb mod ieħor. Il-pjan ta' Alla kien wieħed, li Franġisku jkun proprjetà tiegħU. Riedu għalih biex ikun strument f'idejh ħalli bil-konverżjoni tiegħu jressaq oħrajn lejH. Ma kienx faċli li jitlaq il-ħajja tax-xalar u tal-festi, iħalli l-ġid li kellu u lil sħabu li magħhom kien jgħaddi ljieli sħaħ. Iżda għaraf ħaġa waħda li ħdejn Alla ma joqgħod ħadd. Induna li dawn l-affarijiet tad-dinja ma kinux qegħdin jagħtuh il-ferħ u l-paċi li tant kien jixtieq jiskopri f'ħajtu. Kien mument delikat ħafna f'ħajtu li ried jieħu deċizjoni.

Mulej urini xi trid minni? Din kienet it-talba li kienet toħroġ minn fommu biex il-Mulej jurih biċ-ċar x'kienet is-sejħa li kien qed jagħmillu. Iżda Franġisku kien dispost li jikkoopera mal-grazzja ta' Alla u fetaħ qalbu għall-kelma li poġġa f'qalbu l-Mulej. Franġisku ntebaħ li triq waħda xtaq il-Mulej minnu: li jitlaq il-ġid tad-dinja biex jgħix skond l-Evanġelju. Minn dak il-ħin li ħa d-deċiżjoni qatt ma ħares lura iżda mexa 'l quddiem fil-ħajja tal-Evanġelju.

Li timxi fit-triq tal-Mulej fil-ħajja reliġjuża jew saċerdotali hija sfida. Sfida għax taf li dak li sejjaħlek hu l-Mulej. Il-Mulej ikun miegħek f'kull pass li tagħmel. Ħaġa waħda l-Mulej ikun jixtieq - li tiftaħ qalbek beraħ u tikkoopera mal-pjan tiegħu għalik. Li tiftaħ qalbek ifisser li taħdem id f'id miegħu bla kundizzjoni ta' xejn.

Tkunx semmiegħ trux. Tirreżistix għas-sejħa. Iżda aċċetta bil-ferħ li l-Mulej, minn fost ħafna, għażel proprju lilek biex timxi warajh f'relazzjoni ta' mħabba għal dejjem.

# Riżultat tal-Lotterija tal-Milied organizzata mis-Segretarjat Missjoni Kapuċċini

Nhar il-Ħadd, 4 ta'Jannar, 2004, ġiet imtellgħa l-Lotterija b'risq il-Missjoni tal-Kenja.



**L-1 Premju:** Żewġ Biljetti ta' l-Ajru ma' l-Air Malta għal Ruma u lura (Mr. John Saliba) & 3 nights B&B mingħand TRINATOURS Ltd (Mr. Godwin Mercieca)
Biljett rebbieħ numru 028782
*Mr. Emanuel Trapani - B'Kara*

**It-2 Premju:** Hamper Kbir
Biljett rebbieħ numru 022987
*Ms. Lilian Pace - St. Julian's*

**It-3 Premju:** Hamper Kbir
Biljett rebbieħ numru 08184
*Ms. Cettina Magro - Fgura*

**Ir-4 Premju:** Hamper Kbir
Biljett rebbieħ numru 037502
*Ms. Charmaine Booker - Tarxien*



*Waqt it-tlugħ tal-Lotterija tal-Milied*

**Nifirħu ħafna lir-rebbieħa ħbieb tal-missjoni, u rroddu ħajr minn qalbna lill-benefatturi kollha li għenuna f'din il-Lotterija:**

- **Lill-AIR MALTA li, permezz tas-Sur John Saliba, ġentilment tatna l-biljett ta' l-ajru b'xejn,**
- **Lit-TRINATOURS Ltd li, permezz tas-Sur Godwin Mercieca, ġentilment offriet il-*lodging* f'lukanda f'Ruma għal tliet iljieli *(bed & breakfast)*,**

**Lis-Sinjuri Antida u Joe Gauci li ħadu ħsieb jiġbru l-*hampers*, u lil min tahom l-oġġetti għalihom, fosthom: The Albion Stores, Mr Anthony Mercieca u Mr C. Camilleri & Sons,**

- **Lill-*helpers* kollha tas-Segretarjat tal-Missjoni li taw is-sehem tagħhom,**
- **Lil kulmin biegħ u/jew xtara l-biljetti.**



*Uħud mill-helpers tas-Segretarjat tal-Missjoni tal-Kapuċċini li kienu preżenti.*